IL-PONT
rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 58– **SETTEMBRU 2020**

# werrej


| | |
|---|---|
| **L-Editorjal** | **2** |
| **L-Aħbarijiet** | **3** |
| **Reazzjonijiet** | **11** |
| **Intervista ma' Ida Di Ianni** | **14** |
| **Intervista ma' Yana Psaila** | **17** |
| **Intervista ma' Josephine Burden** | **21** |
| **Kitba ta' Carmen Refalo** | **24** |
| **Novella ta' Joe Camilleri** | **27** |
| **Rakkont ta' Charles Casha** | **28** |
| **Apprezzament ta' Voctor V. Vella** | **30** |
| **Reċensjoni ta' Tarċisju Zarb** | **32** |
| **Reċensjoni ta' Andrew Sciberras** | **34** |
| **Il-Poeżiji** | **36** |
| **Versi lil hinn minn xtutna** | **40** |
| **Minn fuq l-ixkaffa** | **41** |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Kemm hi ħaġa sabiħa li pubblikazzjoni bħal din - li f'dan ix-xahar tagħlaq tmien snin, bl-ewwel ħarġa f'Settembru 2012 - tiġi apprezzata anki minn bosta qarrejja li jiena bħala editur jew ma nkun iltqajt qatt magħhom jew inkella kelli biss ftit kuntatti magħhom permezz tal-internet. Dan lili jagħtini spinta biex inkompli b'dan ix-xogħol li qed jinqara minn bosta mhux biss f'Malta u Għawdex, imma anki lil hinn minn xtutna.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir anki meta nikteb lil kittieba li qatt ma nkun ktibtilhom jew iltqajt magħhom qabel, nistaqsihom għal intervista, u bla ebda problema jaċċettaw li jagħtu ftit minn ħinhom biex il-qarrejja ta' IL-PONT isiru jafu iktar dwarhom u dwar kitbiethom. Kif se taraw, f'din il-ħarġa ssibu tliet intervisti ma' tliet nisa minn pajjiżi differenti: mill-Italja, mill-Iskozja u mir-Russja. Tnejn minnhom illum għandhom kuntatti b'saħħithom ma' Malta tant li jgħixu fi gżiritna, u waħda minnhom titkellem il-Malti aħjar minn ħafna minna.

Daqstant ieħor tweġġa' l-indifferenza ta' ċerti wħud li huma marbutin sewwa mal-qasam tal-letteratura lokali li tiktbilhom darba darbtejn għal intervista fuq IL-PONT u lanqas biss jindenjaw ruħhom iwieġbu. Lil dawn ma ħaqqhom xejn iktar mill-indifferenza li tant jemmnu fiha: kif jgħid il-kittieb u poeta Dante Alighieri, *Non ragioniam di lor, ma guarda e passa.*

Fuq nota oħra, il-Covid-19 għadu magħna, għalkemm huwa inviżibbli, imma preżenti. Dan effettwa bosta inizzjattivi kulturali, apparti attivitajiet ta' divertiment u l-ekonomija inġenerali. Huwa żmien li bosta għażlu li jibqgħu ġewwa, jew li se jerġgħu jingħalqu ġewwa. Xi wħud minna ħadu l-okkażjoni biex jaqraw għadd ta' kotba li għal snin sħaħ kienu qed jistennew xi mkien fuq xi xkaffa biex jinqraw. Oħrajn skoprew li sigħat twal ta' televiżjoni jew quddiem screen ta' laptop jew tablet huma monotoni fl-aħħar mill-aħħar, u minflok skoprew xi ftit il-pjaċir tal-qari. Wieħed mill-għanijiet ta' IL-PONT hu li jħeġġeġ lill-qarrejja jħobbu il-ktieb u l-qari, bil-Malti fuq kollox, imma anki b'ilsna oħrajn. U kif diġà rajna sa minn Marzu li għadda, bosta djar tal-pubblikazzjoni, distributuri u ħwienet tal-kotba, marru online u offrew lil min iħobb il-qari għadd ta' opportunitajiet biex jixtru l-kotba li jixtiequ bi prezzijiet raġunevoli u saħansitra jaslulhom wara l-bieb tad-dar.

Din is-sena, il-Festival tal-Ktieb se jkun online, u żgur li opportunitajiet bħal dawn se jiżdiedu. Mela jalla dan il-perijodu tal-Covid-19 ma jkunx biss wieħed negattiv, imma anki pożittiv, u dan permezz tal-qari.
Fuq naħa IL-PONT jiddispjaċih meta jaqra l-aħbar li għalaq darba għal dejjem ħanut tal-kotba ieħor. Fuq in-naħa l-oħra IL-PONT ifakkar ukoll li minkejja li xogħol il-pubblikaturi mhux faċli u jirrikjedi eluf ta' ewro, xorta waħda dawn m'għandhomx japprofittaw ruħhom mill-pubbliku billi jgħollu b'mod esaġerat il-prezz ta' ċerti publikazzjonijiet li jħossu se jinbiegħu żgur, ikun xi jkun il-prezz. Din żgur la hi etika u lanqas rispett lejn il-qarrejja prospettivi. Apparti hekk, tixħet lill-pubblikatur f'dawl negattiv.

Kif bosta jafu llum hemm anki bosta siti barranin online li joffru eluf ta' kotba b'ilsna differenti, ġodda jew użati, li tista' tordnahom u jaslulek id-dar fi ftit ġimgħat. Ma ninsewx ukoll l-eluf ta' kotba disponibbli li l-pubbliku jista' jissellef b'xejn mil-libreriji pubbliċi li hawn imxerrda matul il-gżejjer Maltin. Dan hu lussu li mhux kull poplu jgawdi minnu, mela nagħmlu użu minnu u ngawduh.

B'xi mod il-perojodu tal-Covid-19 kien ukoll pożittiv għal numru ta' kittieba u għaqdiet tal-letteratura li bis-saħħa tal-internet ippreżentaw videos fejn qraw poeżiji u xogħlijiet kemm tagħhom kif ukoll ta' kittieba oħrajn, kif ukoll organizzaw lejliet mużiko-letterarji online, u dan kemm fuq livell nazzjonali, kif ukoll internazzjonali. Kienu bosta kittieba lokali li ħadu sehem f'okkażjonijiet bħal dawn online flimkien ma' poeti u kittieba minn pajjiżi oħrajn. Il-Covid-19 ħalliena ġewwa imma sibna xorta waħda kif noħorġu lil hinn mill-għeluq u nwasslu kitbietna lill-pubbliku, Malti u barrani.

Ta' min ifakkar li dar armata mhix biss dik li jkollha televiżjoni ta' 60 pulzier, internet u arja kondizzjonata f'kull kamra, pixxina, gym, laptops, il-kumdità li tara films u serje televiżivi kemm u meta trid, u l-bqija. Dar armata hija wkoll dik li jkollha librerija mogħnija b'kotba varji, żgħira kemm hi żgħira. U IL-PONT jerġa' jfakkar li llum min iħobb il-ktieb Malti għandu għażla vasta minn fejn jagħżel: basta jfittex sewwa, u mhux biss fost il-kotba li jsib fl-ewwel fillieri, imma anki billi jqalleb fil-kotba li jkunu mistoħbijin - minħabba raġuni jew oħra - fuq wara.

Minn hawn l-editur ta' IL-PONT jawgura sena akkademika tajba lill-qarrejja kollha u l-familji tagħhom. Nosservaw ir-regoli maħruġin mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika u nirrispettaw lilna nfusna u lil ta' madwarna.

### PAGAMENT PERJODIKU DWAR PUBLIC LENDING RIGHTS SCHEME

Il-Libreriji Pubbliċi kienu indisponibbli għall-pubbliku matul l-aħħar ġimgħa ta' Marzu sal-25 ta' Ġunju, 2020 minħabba l-pandemija tal-Covid 19 u reġgħu fetħu għall-pubbliku mill-Ġimgħa 26 ta' Ġunju, 2020. Prattikament kienu magħluqin għall-pubbliku matul it-tliet xhur ta' April, Mejju u Ġunju 2020. Dan ifisser illi ma ġie rrekordjat ebda self ta' kotba u għalhekk ma setgħetx tiġi kkalkulata l-ebda forma ta' remunerazzjoni bħala pagament dovut għas-self ta' kotba taħt l-iskema ta' 'Public Lending Rights' matul dan il-perjodu. Intant il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħaseb biex il-pagament li jmiss li jkopri x-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2020 ikollu s-somma ta' €20,000 li tinkludi fiha l-€10,000 tat-tliet xhur ta' qabel sabiex dawn jitqassmu mal-awturi, illustraturi u fotografi reġistrati taħt l-iskema skont in-numru ta' self ta' kotba. Dan biex ma jintilef xejn li hu dovut għall-membri f'din l-iskema. Il-pagament li jmiss, għalhekk isir f'Ottubru 2020.

### LAQGĦA ĠENERALI ESPRIMI 2020

Nhar is-16 ta' Lulju 2020 fiċ-Ċentru tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija (il-qadima), B'Kara, saret il-Laqgħa Ġenerali ta' Esprimi 2020. Din kienet l-Aġenda: Messaġġ mill-President ta' EspRimi Emmanuel Attard Cassar; Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali li saret fl-4 ta' Settembru 2019 (Segretarju); Qari u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019 (Segretarju); Qari u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2019 (kaxxier); Qari u approvazzjoni tar-Reviżuri tar-Rapport Finanzjarju 2019 (Reviżur). Kien hemm ħin iddedikat għall-mozzjonijiet u għal kummenti u suġġerimenti minn dawk preżenti. Fl-aħħar sar id-diskors tal-għeluq mill-President.

### IL-LAQGĦA ĠENERALI TAL-AKKADEMJA, ONLINE

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, il-Laqgħa Ġenerali tal-Akkademja tal-Malti li seħħet fit-18 ta' Lulju 2020 saret online u ħadu sehem fiha ħafna mill-imsieħba tagħha, anke minn barra minn Malta. Din is-sena l-Akkademja qed tiċċelebra għeluq il-mitt sena. Il-Kunsill iwiegħed l-impenn sħiħ tiegħu biex il-ħidma tkompli fix-xhur li ġejjin.

### LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2020 TAL-GĦAQDA TAL-MALTI, UNIVERSTTÀ



Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fil-25 ta' Lulju fl-Università, l-Għaqda tat rendikont ta' ħidmet il-Kumitat tul is-sena 2019-2020. Kienet sena li ppreżentat numru ta' sfidi lill-Kumitat ġdid. Il-maġġoranza tal-membri huma ġodda u b'hekk kellhom jidraw sistema ta' ħidma ġdida, filwaqt li jibbilanċjaw bejn l-istudju akkademiku u x-xogħol. Barra minn hekk, l-imxija tal-Covid-19 wasslet biex jiġu kkanċellati xi attivitajiet li permezz tagħhom l-Għaqda setgħet tiġġenera ftit dħul. Madanakollu, dan kollu wassal sabiex ikompli jirsisti u jaħdem id f'id sabiex l-Għaqda dejjem tibqa' miexja 'l quddiem. Dan intwera lill-membri li attendew permezz tar-rapporti ppreżentati: ir-Rapport Amministarttiv u r-Rapport Finanzjarju. Ir-Rapport Amministrattiv inkluda rendikont tal-laqgħat ta' kull xahar tal-Kumitat, kif ukoll tar-relazzjonijiet tal-Għaqda. Inkluda wkoll lista estensiva tal-bosta attivitajiet organizzati tul is-sena, fosthom: Żanżan Kelma, il-Jum Ewropew tal-Lingwi f'Malta, it-tnedija ta' 'Leħen il-Malti' Għadd 38, u Aqta' Xiex? Issemmew ukoll l-inizjattivi li tniedu fuq il-paġna tal-Għaqda fi żmien il-kwarantina: Ktieb Kuljum u Kwarantina? Aqralna Kwartina. Ir-Rapport Finanzjarju, min-naħa l-oħra, wera kemm il-Kumitat ħabrek biex iżomm kont tad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi tul is-sena, partikolarment tal-miżati tas-sħubija tal-membri. Il-membri tal-Kumitat kollha żammew l-istess irwol. Dawn huma: Il-President: Romario Sciberras; Il-Viċi President: Gabriel Lia; Is-Segretarja: Michela Brincat; L-Assistenta Segretarja: Marta Cachia; It-Teżoriera: Thea Farrugia; L-Assistenta Teżoriera: Diane Cutajar; L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Sephora Francalanza; L-Assistent Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Keith Attard; u Membru ex officio: Dr. Michael Spagnol.

## PREMJU BOOKER 2020: LISTA FINALISTI



Tsitsi Dangarembga

Lejn l-aħħar ta' Lulju 2020 ġew imħabbra t-13-il finalista (minn total ta' 162 rumanz) ta' dan il-premju letterarju prestiġjuż li jagħti lir-rebbieħ/a 50 elf sterlina Ingliża. Fost dawn Hilary Mantel, l-awtriċi Ingliża tal-volum konkluživ tat-triloġija dwar Thomas Cromwel, *The Mirror and the Light*. Mantel diġà rebħet dan il-premju darbtejn għaż-żewġ volumi l-oħra tat-triloġija, *Wolf Hall* u *Bring Up the Bodies*. Fost kittieba oħra li rebħu dan il-premju darbtejn hemm ukoll Margaret Atwood, Peter Carey u JM Coetzee. Apparti Mantel, finalisti oħrajn għal din is-sena huma: l-Amerikana Anne Tyler, bir-rumanz *Redhead by the Side of the Road*, u l-awtur Irlandiż-Amerikan Colum McCann, bir-rumanz *Apeirogon*. Hemm ukoll l-awtriċi miż-Żimbabwe Tsitsi Dangarembga bir-rumanz *This Mournable Body*, l-Etjopjana-Amerikana Maaza Mengiste bir-rumanz *The Shadow King*. Il-ġurija warrbet numru ta' ismijiet stabbiliti biex inkludiet minflok fost il-finalisti tmien ismijiet ġodda, fosthom Kiley Reid (*Such a Fun Age*), C Pam Zhang (*How Much of These Hills Is Gold*), Brandon Taylor (*Real Life*), Avni Doshi (*Burnt Sugar*), Douglas Stuart (*Shuggie Bain*), u Diane Cook (*The New Wilderness*). Interessanti l-fatt li sitt snin wara li l-Booker iddeċidew li jiftħu l-bibien lil kull kittieb li jikteb bl-Ingliż u li jiġi ppubblikat fir-Renju Unit, 9 mit-13-il finalist ta' din is-sena huma jew Amerikani, jew għandhom rabta mal-wirt Amerikan. Tlieta biss huma mir-Renju Unit: Mantel, u l-kittieba debuttanti Gabriel Krauze (*Who They Was*) u Sophie Ward (*Love and Other Thought Experiments*). Il-lista tal-finalisti tkompli tidjieq meta fil-15 ta' Settembru jitħabbru l-aħjar 6 rumanzi, bir-rumanz rebbieħ jitħabbar f'Novembru 2020.

## ID-DOKUDRAMA "STORJA TA' STORJA" IMTELLGĦA MILL-KNK FUQ TVM

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bi pjaċir ħabbar li s-sensiela ta' dokudrama 'Storja ta' Storja', magħmula minn tmien episodji ma' kittieba Maltin rebbieħa ta' bosta premji letterarji, bdiet tixxandar esklussivament fuq TVM mis-Sibt 8 ta' Awwissu 'l quddiem. 'Storja' ta' Storja' jiffoka fuq il-ħajja u x-xogħol ta' tmien awturi li rebħu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u huwa x-xogħol tal-kumpanija tal-produzzjonijiet Sajjetta, bis-sapport tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-kittieba li jidhru f'din is-sensiela huma Alfred Sant, Loranne Vella, Immanuel Mifsud, Clare Azzopardi, Alex Vella Gera, Lou Drofenik, Maria Grech Ganado u Walid Nabhan. Kull episodju jipprovdi lill-udjenza b'għarfien aktar profond ta' wħud mill-aktar awturi ċelebri ta' Malta billi jħares lejn ħajjithom u xogħlijiethom, u jinkludi intervisti mal-awturi nfushom u drammatizzazjoniijet ta' partijiet mix-xogħol letterarju tagħhom għat-televiżjoni. L-ewwel episodju, dwar Alfred Sant u adattament ta' silta mir-rumanz *Silġ fuq Kemmuna* (PEG, 2005), ixxandar fuq TVM is-Sibt 8 ta' Awwissu. Il-produzzjoni tinkludi l-parteċipazzjoni ta' numru ta' ismijiet magħrufa fil-qasam awdjoviżiv lokali, fosthom Mikhail Basmadjian bħala l-protagonist fl-adattament tan-novella ta' Loranne Vella 'Kikkra', Erica Muscat, Christian Galea, Antonella Axisa, u Gianni Selvaggi, li għandu rwoli fl-adattamenti ta' *Is-Sriep reġgħu saru velenużi* (Merlin, 2012) ta' Alex Vella Gera, kif ukoll *Silġ fuq Kemmuna*. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-Produttur Eżekuttiv tas-sensiela 'Storja ta' Storja' wara li fl-2019 ħareġ sejħa għall-applikazzjoni biex tiġi prodotta sensiela ta' dokudrama li tippromwovi l-letteratura Maltija lil udjenzi ġodda. Il-kumpanija tal-produzzjoni Sajjetta rebħet il-konkors u ngħatat €80,000 biex tipproduċi s-sensiela, li hi diretta u adattata minn Charlie Cauchi u Martin Bonnici, b'kitba għall-iskrin ta' Teodor Reljiç. Wara li jixxandru fuq TVM, l-episodji kollha ta' 'Storja ta' Storja' jiġu mtellgħa fuq il-paġna tal-KNK fuq Youtube.

## IMUT SERGIO ZAVOLI, KITTIEB, ĠURNALISTA U POLITIKU TALJAN

Nhar l-4 ta' Awwissu 2020 miet Sergio Zavoli, kittieb, ġurnalista u politiku maħbub ħafna fl-Italja. Fil-21 ta' Settembru kien se jagħlaq 97 sena. Huwa tieled fl-



Sergio Zavoli

1923, fil-belt ta' Ravenna. Il-karriera ta' kittieb bdiet ta' 20 sena meta kien jikteb fuq ir-rivista tal-Gruppi universitari faxxisti "Testa di Ponte". Beda jaħdem għal Radio Rai sa mill-1947. Qrib il-Partit Soċjalista Taljan, mill-1980 sal-1986 kien president tar-Rai u fl-1981 ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu *Socialista di Dio*. Fost programmi televiżivi tiegħu li għamlu suċċess "Viaggio intorno all'uomo", "La notte della Repubblica", "Viaggio nel Sud", u "Nostra padrona televisione". Kiteb bosta saġġi ta' natura storika. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu: *Di tutti i colori* (1984), *Sui banchi della vita* (1984), *Romanza* (1987), *Zeta come Zavoli. Parole d'epoca* (1990), *La notte della Repubblica* (1992), *L'orlo delle cose* (2004), *La parte in ombra* (2009), *Il ragazzo che io fui* (2011), *L'infinito istante* (2012), u *La strategia dell'ombra* (Poeżiji, 2017).

## IMFAKKAR IL-FUNDATUR TAL-KKM U L-MIDSEA BOOKS

F'għeluq is-sena mill-mewt tas-Sur Pawlu Mizzi, Fundatur tal-KKM u l-Midsea Books li ġrat fil-5 ta' Awwissu 2019, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri inawgura l-wirja 'From the heart of Gozo to the soul of Maltese Literature' fil-Mużew il-Ħaġar fi Pjazza San Ġorġ, Victoria. Saret ukoll diskussjoni fl-istess bini dwar il-legat ta' dan l-Għawdxi li tant ħadem b'risq il-ktieb Malti bis-sehem tal-Ministru Evarist Bartolo, Dr Louis Galea, ex Ministru tal-Edukazzjoni u Anton Tabone, ex Ministru għal Għawdex, li lkoll tkellmu dwar is-sehem kbir ta' Pawlu Mizzi li wara xi żmien jgħix Għawdex, telaq lil art twelidu bil-familja lejn Malta fejn waqqaf il-Klabb Kotba Maltin kif ukoll il-kumpanija Midsea Books u kien strumentali biex għadd kbir ta' kittieba u awturi setgħu jaraw xogħlijiethom stampati fi ktieb. Matul ħajtu Pawlu Mizzi okkupa diversi karigi. Fost il-pubblikazzjonijiet li tana mhux ta' min ma jsemmix il-*Miklem Malti* f'disa' volumi ta' Erin Serracino Inglot, id-*Dizzjunarju Malti-Ingliż-Malti* tal-Professur Ġużè Aquilina, f'sitt volumi, l-*Istorja ta' Malta* tal-Professur Andrew Vella, is-sensiela Heritage li kienet tinkludi 'l fuq minn mitt puntata u tant kotba sbieħ u ta' livell fil-kategorija tal-Melitensia li fi kliem wieħed mill-kelliema waqt id-diskussjoni li kienet immexxija mill-istudjuż Sergio Grech jistgħu jingħataw bħala rigal f'kull okkażjoni. Eżatt f'għeluq is-sena mill-mewt tas-Sur Mizzi, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo qaddes għal ruħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ u wara, fuq il-bejt tal-Mużew il-Ħaġar, saret il-Preżentazzjoni tal-ktieb ta' Pawlu Mizzi, *Mid-Dinja ċkejkna tiegħi*, editjat minn Sergio Grech u mgħejjun minn Francesco Pio Attard, li matulha nqraw xi siltiet minn din il-pubblikazzjoni interessanti waqt li stajna nisimgħu wkoll xi ftit mużika Maltija li pprovdilna l-kantant Għawdxi Spiro Sillato. Fetaħ is-serata s-Sur Joe Camilleri li analizza dan il-ktieb dwar għadd sabiħ ta' karattri Għawdxin li għexu fi żmien Pawlu Mizzi, karattri ħelwin u kollha bl-istorja ħelwa tagħhom li ħafna Għawdxin ta' mpari għadhom jiftakruhom sewwa. Dawn il-kitbiet kienu dehru fuq ir-Rivista djoċesana 'Il-Ħajja f'Għawdex' iżda issa s-Sur Joseph Mizzi, li daħal għall-piż li ħalla missieru, ġabarhom f'pubblikazzjoni sabiħa li titkellem dwar numru sabiħ ta' persunaġġi Għawdxin li jagħmlu parti mill-istorja soċjali Għawdxija. **(Rapport tal-Kav. Joe M. Attard)**



Waqt mil-lejla li fakkret lil Pawlu Mizzi f'Għawdex

### IL-FESTIVAL TAL-KTIEB 2020 ĦA JSIR GĦALL-EWWEL DARBA ONLINE

Huwa b'dispjaċir li, minħabba l-perikli li l-imxija COVID-19 għadha qed tpoġġi u anki minħabba l-potenzjal tagħha li tinfirex l-aktar f'avvenimenti tal-massa fi spazji magħluqa, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħabbar li l-Festival ma jsirx bil-mod tradizzjonali tiegħu, imma minflok se jsir online, tneħħi xi avvenimenti li se jittellgħu xorta waħda f'xi swali f'Dar il-Mediterran bi ftit nies. Hija deċiżjoni li hi neċessarja għar-reputazzjoni u l-edizzjonijiet ġejjiena tal-Festival. Ma jistgħux isiru avvenimenti meta hemm ir-riskju li tiġi kompromessa s-saħħa tal-klijenti, l-imsieħba u l-ħaddiema. Għalhekk, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jsir online u l-pubbliku huwa mħeġġeġ jattendi b'mod virtwali għall-avvenimenti li se jittellgħu b'xandira live fuq il-paġna tal-Facebook KNK u mill-paġni rispettivi tal-pubblikaturi. Il-pubblikaturi se jsibu s-sapport sħiħ tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. It-tfal tal-iskola xorta waħda se jkunu jistgħu jattendu b'mod online, u l-vawċer se jingħata wkoll. F'każ li tinstab tilqima u titqassam fiż-żmien, il-Festival jittella' bħas-soltu. Anki jekk b'mod virtwali, il-KNK jemmen li l-attivitajiet bil-parteċipazzjoni ta' awturi u pubblikaturi lokali u internazzjonali għandhom xorta waħda l-potenzjal li jwasslu dak is-sens ta' skambju f'komunità dejjem tikber ta' nies li japprezzaw il-ktieb. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed iħares lejn din il-qalba għall-online bħala opportunità biex l-industrija tagħraf il-ħtieġa importanti ħafna tal-bejgħ online. Irid jiġi żgurat li l-kotba Maltin ikunu disponibbli biex jinxtraw online b'mod faċli u b'mod aċċessibbli kemm mill-websites kif ukoll minn apps fil-mowbajl. Fl-istess waqt il-Gvern u x-xandir pubbliku ntalbu biex jagħtu s-sapport kollu tagħhom lill-industrija tal-ktieb f'din it-tranżizzjoni neċessarja li għandha tiggarantixxi n-nifs tal-ħajja lil industrija li tinsab fil-qalba tal-iżvilupp edukattiv u intellettwali tas-soċjetà. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jsir bejn il-11 u l-15 ta' Novembru. Il-programm sħiħ tal-attivitajiet jitħabbar fix-xhur li ġejjin. Għal aktar aġġornamenti dwar il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb hemm is-sit u l-paġna tal-Facebook tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

### RUMANZI MIKTUBA MINN NISA LI UŻAW ISMIJIET FINTA JOĦORĠU B'ISIMHOM PROPRJU

"Reclaim Her Name" hija ġabra ta' 25 xogħol letterarju miktubin minn awturi nisa li meta ġew ippubblikati għall-ewwel darba użaw isem ta' raġel jew isem fint, imma issa għall-ewwel darba qed jerġgħu jiġu ppubblikati taħt isimhom proprju. Fost dawn ix-xogħlijiet ir-rumanz *Middlemarch* ta' George Eliot, li llum nafu li isimha veru hu Mary Ann Evans. Dawn il-25 titlu ġew ippubblikati biex ifakkru l-25 anniversarju tal-Women's Prize for Fiction. Huma kollha kotba b'kopertini ġodda ddisinjati minn nisa stess. Rumanzi oħra f'din il-kollezzjoni huma: *A Phantom Lover* ta' Violet Paget (magħrufa bħala Vernon Lee), *Indiana* ta' Amantine Aurore Dupin (magħrufa bħala George Sand), Some *Emotions and a Moral* ta' Pearl Richards (magħrufa bħala John Oliver Hobbes), *The Head of Medusa* ta' Julia Constance Fletcher (George Fleming), u oħrajn. Il-kolezzjoni sħiħa tista' titniżżel b'xejn online f'għamla ta' e-books billi tagħfas din il-ħolqa: https://www.baileys.com/en-gb/reclaim-her-name-campaign

### IMUT ARRIGO LEVI: ĠURNALIST U KITTIEB TALJAN



Nhar l-24 ta' Awwissu miet Arrigo Levi, ġurnalist, kittieb u konduttur televiżiv. Huwa twieled f'Modena fl-1926 u fl-1942 ġie eżiljat flimkien mal-familja lejn l-Arġentina minħabba l-Liġijiet Razzjali. Il-karriera tiegħu bħala ġurnalist bdiet fi Buenos Aires, imma kien ukoll korrispondent mir-Russja, u ħadem f'Londra, fi ħdan gazzetti bħal Libertà, Gazzetta di Modena, Corriere della Sera, Il Giorno, La Gazzetta del popolo, u La Stampa, fejn waqqaf is-suppliment kulturali "Tuttolibri". Ħadem ukoll mar-Rai, il-BBC, it-Times, u n-Newsweek. Ħadem mat-telegiornale, u kellu rwoli ewlenin kemm mar-Rai kif ukoll mal-Canale 5 fi programmi bħal Tam Tam, Punto sette, Punto sette, una vita, Tivù Tivù, Emozioni u C'era una volta la Russia. Fost il-kotba tiegħu: *Il potere in Russia* (1965); *Viaggio fre gli economisti* (1970); *La DC nell'Italia che cambia* (1984); *Tra Est e Ovest* (1990); u *America latina. Memorie e ritorni* (2004).

## SANTA LIENA FIL-KULTURA KARKARIŻA



**Therese Pace**

Il-grupp Muża Karkariża, taħt it-tmexxija ta’ Terry Muscat, kienu ppjanaw lejla ta’ letteratura u mużika għat-Tlieta t-18 ta’ Awwissu 2020, fil-Kolleġġjata Bażilka ta’ Santa Liena fis-7.15 p.m. taħt il-patroċinju tar-Rev.mu Prepostu Mons. Paul C.Vella. U hekk ħareġ il-poster oriġinali. Imma minħabba li l-qagħda tal-Covid-19 ħżienet ħafna, il-grupp qatagħha li din il-laqgħa ma ssirx. Minflok il-membri tal-grupp qabblu li jirrekordjaw il-qari u jxandruh fuq il-facebook tal-Muża Karkariża. Terry Muscat irranġat biex il-qari u l-mużika jiġu ffilmjati b’mod safe ħafna fis-17 ta’ Awwissu fil-Bażilka, u l-attività kollha tixxandar l-għada biex ikun jista’ jisma’ l-qari u l-mużika kulħadd.

Għall-parti tal-letteratura, Therese Pace, Ninu Borg, Philip Xuereb, Carmel G. Cauchi, Wayne Farrugia, Frans Borg, Mario Gauci, Charles Briffa, u Mons. Paul Carmel Vella qraw ix-xogħlijiet interessanti tagħhom. Imma nqraw ukoll xogħlijiet ta’ Tarcisio Zarb, Charles Mifsud, u Ġorġ Peresso li ma setgħux jattendu fiżikament għall-filming.

Filwaqt li għall-parti tal-mużika, ħadu sehem is-sopran Marita Bezzina u Elena Muscat bil-vjola akkumpanjati minn Maestro Abraham D'Amato li semmgħulna Telemann Viola Concerto, The Lord’s Prayer (Albert H.Malotte), Ave Verum (Amadeus Mozart), Nella Fantasia (Ennio Moricone), u Kantaliena lil Santa Liena (Mro Joseph Vella).

Il-preżentazzjoni tal-attività kollha kienet ta’ Maria Mintoff u l-produzzjoni ta’ Terry Muscat.

Din l-attività, il-poster irriklamaha bil-ħsieb Dunkarmjan (mislut mill-poeżija tiegħu Innu Popolari lil Sant’Elena):

“Insellmulek, ja Sultana,
Inti ġieħ tal-Knisja tagħna,
Xempju ħaj tal-ommijiet”

Il-Muża Karkariża tingħaqad ma’ dan il-ħsieb Dunkarmjan li jara lil Santa Liena bħala l-omm universali minħabba li sabet is-Salib u tatu lid-dinja Nisranija kollha.

Il-qawwa ta’ ħidmet il-Muża Karkariża hija l-varjetà – il-varjetà tal-kontenut u l-varjetà fl-istil. Fl-istil il-kittieba juru li huma bnedmin; u fil-kontenut juru li huma Maltin-Karkariżi. Fost l-għanijiet prattiċi tal-Muża Karkariża nsibu t-tħeġġiġ għal-lingwa u t-tkattir tal-iskills letterarji. U għalhekk tħajjar ħafna l-kitba bil-Malti; u dan kollu jidħol fi ħdan il-filosofija tagħha li kulħadd jista’ jsir kittieb li jifrex ftit mill-ħsibijiet tiegħu b’sens ta’ kunfidenza li jagħmel ġid lilna l-Maltin. U b’dawn l-attivitajiet il-Muża Karkariża tipprovdi ambjent li jgħożż il-ħiliet tal-imsieħba tagħha li jridu jrawmu l-kreattività tagħhom bil-kitba u l-qari pubbliku.

Il-qari u l-filmati ta' din l-attivita tistgħu ssibuhom fuq il-paġna Muża Karkariża Fuq Fb.

**[Rapport miktub mill-Prof. Charles Briffa; ritratti meħuda minn Ronald Falzon]**



**Carmel G. Cauchi**




## "VOCI DALLA QUARANTENA" - PROĠETT TA' NATURA POETIKA BEJN VALTELLINA (ITALJA) U MALTA

**VUĊIJIET MILL-KWARANTINA - POEŻIJI: rapport mill-president ta' EspRimi, Emmanuel Attard Cassar**

Fix-xahar t'Awwissu ta' din is-sena iż-żewġ gruppi kulturali EspRimi (Malta) u Laboratorio Poetico di E'Valtellina (Italja) ikkollaboraw flimkien biex ħolqu vidjow bil-qari ta' poeżiji dwar il-Covid 19, bl-isem ta' 'Voci dalla quarantena'. Disa' poeti miż-żewġ għaqdiet kitbu poeżiji bit-Taljan li ġew inseriti fil-vidjow. Il-poeti Maltin huma Patrick Sammut, Alfred Caruana Ruggier, Charles Mifsud, Amanda Busuttil u Emmanuel Attard Cassar. Sammut, Caruana Ruggier u Attard Cassar qraw il-poeżiji tagħhom filwaqt li Nathalie Busuttil qrat il-poeżija ta' oħtha Amanda u Ronald Cuschieri qara l-poeżija ta' Charles Mifsud. Il-poeti Taljani huma Paola Mara De Maestri, ideatriċi tal-inizjattiva (mużika ta' Gioele Tonelli), Stefano Ciapponi, Alda Volpi (editjar ta' binha Luigi Martinelli) u Lucia Mescia (editjar ta' Livia Da Riva).

"L-intenzjoni tal-proġett", tgħid Paola Mara De Maestri, Kunsilliera ta' E'Valtellina u Kap tal-Laboratorju Poetiku, li minbarra l-parteċipazzjoni tagħha bil-poeżija 'Per noi' kienet responsabbli għall-editjar tal-vidjow, "hija li tipprovdi xhieda qawwija permezz tal-vuċi varjata ta' poeti u jħallu traċċa ta' dak li ġie esperjenzat, kif ukoll bħala twissija għall-futur, u sabiex jippromwovi b'mod kollettiv sens ta' responsabbiltà lejna nfusna u lejn l-oħrajn."

Emmanuel Attard Cassar, president ta' EspRimi f'dikjarazzjoni li għamel rigward il-vidjow ukoll għamel riferenza għat-traġedja li sofrew xi wħud, għall-iskomdu u d-diffikultajiet li qajmet il-pandemija u għall-ispirtu kollettiv muri fil-pajjiżi kollha tad-dinja. Huwa kiteb hekk: "Rajna t-tobba, l-infermiera u l-impjegati kollha fl-isptarijiet jitħabtu kemm jifilħu biex isalvaw ħajjiet ta' persuni bil-virus. Rajna kumpaniji li offrew it-teknoloġija tagħhom biex tintuża f'din il-ġlieda kollettiva. Rajna nies jitilfu x-xogħol u għexna l-ansjetà u l-għarfien tal-gravità li ġab miegħu dan il-virus ġdid. B'hekk il-poeti riedu jitkellmu, u dan għamluh bl-iskop li jagħtu sapport lin-nies li kultant kellhom bżonn joqogħdu 'l bogħod minn qrabathom u jadattaw għal dan iż-żmien diffiċli. Iżda, kif ġara anki fi żminijiet diffiċli oħra, in-nies, li wħud minnhom isofru aktar minn oħrajn, jafu jħarsu 'l quddiem u jittamaw. U dawn huma propju l-għanijiet ta' poeta, appuntu li jesprimi l-ferħ u n-niket tal-poplu u fl-istess ħin joffri tama biex in-nies ikunu determinati u fiduċjużi fil-futur." Il-video bil-poeżiji jinstab hawn: https://www.youtube.com/watch?v=xEpMHvyLLO0&t=3s.

L-inizjattiva kisbet ukoll il-patroċinju prestiġjuż tal-Wikipoesia, meqjusa "Il-Wikipedija tal-poeżija". Il-kunsillier u l-kap tal-Governanza, Renato Ongania, ikkummenta fost l-oħrajn li "il-kompożizzjoni tal-Laboratorju, f'tip ta' dikotomija Lombard-Malti, issib għajxien diffiċli ta' sentimenti fil-passat riċenti. Ir-riżentiment, ir-rabja, it-tbatija, l-esternalizzazzjoni tal-uġigħ u l-inadegwatezza tar-rispons li l-umanità tat lill-isfida huma identifikati. Kollox huwa marbut mal-imħabba, tgħanniq, it-tama, il-futur - bħallikieku biex itaffu l-linji mudlama. It-test jidħol fir-realtà taż-żmien u jwaqqaf il-fluss tiegħu. Dawn huma l-ewwel xhur tal-pandemija, l-ewwel imwiet, issa interpretati bħala mwiet li jgħaqqdu lill-popli fit-traġedja."

**DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' ESPRIMI, EMMANUEL ATTARD CASSAR:**

Kull kollaborazzjoni ta' EspRimi mal-Laboratorio Poetico di ÈValtellina hi għalina dejjem privileġġ, pjaċir kbir u fl-istess ħin responsabbiltà. Din l-aħħar inizjattiva ta' bejnietna qiegħda tittratta realtà ġdida, realtà li qed tisfida l-istil tal-ħajja tagħna u dak li biż-żmien iggwadanjajna. Minn Malta u mill-Valtellina, disa' poeti, nisa u rġiel ta' etajiet varji tkellmu. Esprimew ruħhom. Il-kliem tagħhom ittratta l-ħajjiet li ntilfu, is-sagrifiċċji li saru, l-inizjattivi skomdi li għaddejna u għadna għaddejjin minnhom. Mhux



Emmanuel Attard Cassar

hekk biss. Huma tkellmu wkoll dwar it-tama li l-għarfien uman fl-aħħar se jikseb rebħa fuq dan il-virus permezz tal-ħolqien ta' vaċċin.

Rajna t-tobba, l-infermiera u l-impjegati kollha fl-isptarijiet jitħabtu kemm jifilħu biex isalvaw ħajjiet ta' persuni bil-virus. Rajna kumpaniji li offrew it-teknoloġija tagħhom biex tintuża f'din il-ġlieda kollettiva. Rajna nies jitilfu x-xogħol u għixna l-ansjetà u l-għarfien tal-gravità li ġab miegħu dan il-virus ġdid. B'hekk il-poeti riedu jitkellmu, u dan għamluh bl-iskop li jagħtu sapport lin-nies li kultant kellhom bżonn joqogħdu 'l bogħod minn qrabathom u jadattaw għal dan iż-żmien diffiċli. Iżda, kif ġara anki fi żminijiet diffiċli oħra, in-nies, li wħud minnhom isofru aktar minn oħrajn, jafu jħarsu 'l quddiem u jittamaw. U dawn huma propju l-għanijiet ta' poeta, appuntu li jesprimi l-ferħ u n-niket tal-poplu u fl-istess ħin joffri tama biex in-nies ikunu determinati u fiduċjużi fil-futur.

## "Voci dalla quarantena", un ponte tra Valtellina e Malta: Paola Mara De Maestri

"Voci dalla quarantena" raccoglie in un collage di colori ed emozioni vissute durante il periodo critico della pandemia, un ventaglio di video artistici che mescolano parole, immagini e musica, espressione di nove poeti del gruppo Laboratorio Poetico di E'Valtellina e di "EspRimi", Associazione di Malta con la quale l'amicizia e le collaborazioni sono intense da più di dieci anni. L'intento del progetto – dichiara Paola Mara De Maestri - Consigliere di E'Valtellina e Responsabile del Laboratorio Poetico, che oltre alla sua partecipazione come artista si è occupata dell'editing del video - è quello di fornire una forte testimonianza attraverso la variegata voce dei poeti e lasciare una traccia di quanto sperimentato anche come monito per il futuro, promuovendo nella collettività riflessioni e senso di responsabilità verso se stessi e gli altri -. I poeti partecipanti all'iniziativa oltre a De Maestri, che si sono occupati interamente della produzione del loro filmato sono Stefano Ciapponi, Alfred Caruana Ruggier, Patrick J. Sammut e Emmanuel Attard Cassar, mentre altri artisti si sono avvalsi di alcune collaborazioni per completare il prodotto multimediale, come Alda Volpi coaudivata nel montaggio dal figlio Luigi Martinelli e Lucia Mescia da Livia Da Riva, per Malta Nathalie Busuttil ha prestato la voce alla sorella Amanda Busuttil e Ronald Cuschieri ha interpretato nel video il testo di Charles Mifsud. L'iniziativa ha ottenuto anche il prestigioso Patrocinio di Wikipoesia, considerata "La Wikipedia della poesia" con il commento di lode del Consigliere e responsabile della Governance Renato Ongania - A tratti in alcune liriche, immagini e declamazioni appare il codice linguistico della preghiera - la spontaneità dei protagonisti legittima il tono di alcune imprecazioni talvolta rivolte ad un soggetto indefinito, 'lamento'. La composizione del Laboratorio, in una sorta di dicotomia lombardo-maltese, trova una difficile vivacità di sentimenti nel passato recente. Si individuano il rancore, la rabbia, la sofferenza, l'esternazione del dolore e l'inadeguatezza della risposta che l'umanità ha dato alla sfida. Il tutto viene intrecciato con amore, abbracci, speranza, futuro - quasi a mitigare i versi bui. Il testo si incunea nella realtà del tempo e ne ferma lo scorrere. Sono i primi mesi della pandemia, i primi morti, interpretati ora come morti che uniscono i popoli nella tragedia- Anche Emmanuel Attard Cassar, Presidente di EspRimi (Malta) commenta - Ogni collaborazione di EspRimi con Il Laboratorio Poetico di ÈValtellina è sempre un privilegio, un grande piacere e nello stesso tempo una responsabilità. Questa ultima iniziativa ci ha messo di fronte ad una realtà che ha sfidato il nostro benessere e lo stile di vita di cui eravamo abituati. Dalla Valtellina e Malta nove poeti, donne e uomini di varia età hanno parlato. Si



Paola Mara De Maestri

sono espressi. Le loro parole hanno trattato le perdite di vite umane, i sacrifici, le inizative scomode a cui dovevamo e dobbiamo ancora sottoporci e infine hanno riservato parole e righe di speranza per una vittoria del sapere umano contro il virus con la creazione di un vaccino. Abbiamo visto medici, infermieri e tutto il personale sanitario lottare per salvare vite umane. Abbiamo visto imprese offrire la loro tecnologia nello spirito collettivo. Abbiamo visto impiegati perdere il lavoro. Abbiamo vissuto l'ansia e la consapevolezza della gravità portata da un virus sconosciuto. Così i poeti volevano parlare con l'intento di dare supporto alla gente che ha dovuto subire l'allontanamento e ha voluto adeguarsi a tempi difficili. Ma come in altri calamità, la gente, parte di cui ha sofferto di più, sa guardare avanti e sperare. E sono proprio questi i traguardi di un poeta, cioè esprimere la gioia ed il dolore della sua gente e nello stesso tempo offrire uno scopo per essere determinati e fiduciosi del futuro. Il video presente su Youtube, verrà diffuso attraverso i social e presentato durante le varie iniziative che intraprenderanno le due Associazioni coinvolte. Per quanto riguarda "E'Valtellina" la prima occasione che si presta per la proiezione è nell'ambito della premiazione del concorso di poesia e pittura "La vita è bella" prevista ad ottobre.

Altri commenti:

"Durante la pandemia avevo sempre indosso un'amarezza che mi velava gli occhi e che mi portava a profondi silenzi. Allora mi sono permessa un nuovo passaggio, non più dubbi, paure e incertezze. Avevo voglia di sicurezza. Presi in mano la penna e incominciai a scrivere sul bianco di un quaderno tutto ciò che mi stringeva la mente e il cuore. Piano, piano incominciai a liberarmi e a sentirmi sempre più leggera, serena e tranquilla." (Lucia Mescia)

"In quei momenti mi sono trovata spesso assorta nel pensiero del mare… al suo abbraccio… e a se mai l'avrei rivisto… Cosicché mi lasciavo cullare dai ricordi sempre vivi… come se io fossi li, nell'attesa di rivederlo." (Alda Volpi)

## TMUT IR-RIĊERKATRIĊI MARLENE MIFSUD-CHIRCOP



Nhar is-26 ta' Awwissu mietet ir-riċerkatriċi Marlene Mifsud-Chircop. Matul ħajjitha hija ħadmet qatigħ fl-għalqa ta' lsienna bit-tiftix bla heda tagħha dwar il-folkor u t-tradizzjoni orali; dan flimkien ma' żewġha, il-folklorista u antropologu Ġorġ Mifsud-Chircop li miet fl-2007. Kienet waħda mill-membri fil-proġett dwar it-Tradizzjoni Orali u ħadet sehem f'numru ta' konferenzi f'Malta u barra. Marlene Mifsud-Chircop ipproduċiet u ppreżentat varjetà ta' dokumentarji kulturali għat-televiżjoni u għar-radju, kif ukoll ippubblikat numru ta' xogħlijiet dejjem b'rabta mal-folklor Malti. Kompliet bir-riċerka fin-narrativa popolari, fl-irrakkuntar u fl-Għana Malti wara l-ewwel teżi tagħha "Il-Folklor fir- Rumanz Storiku/ Romantiku Malti" (1972) u t-tieni "A Motif-Index of the Maltese Folktale" għall-Masters. Flimkien ma' żewġha Ġorġ kienet ipproduċiet u ppreżentat sensiela ta' dokumentarji kulturali għat-televiżjoni bl-isem ta' "Ix-xogħol Waħdu Jurik u Fuq Għajnejk."



**Email mingħand Mario Griscti, il-11 ta' Lulju 2020**

Ghaziz Patrick,

Nittama li inti u l-familja tiegħek tinsabu tajbin ħabib. Qed niktiblek ukoll sabiex nizzikħajr ta' IL-PONT, ħarġa ekstra ta' Lulju. Permezz ta' dan il-magażin letterarju ta' kwalità għolja jien qed iseħħli ninsa t-tballit tas-Sajf fuqi u moħħi jerġa' jiftaħ biebu għal aktar letteratura u tagħrif dwarha.

Hemm poeżiji ta' kwalità u ta' valur. Il-ġganti tal-letteratura bħal Prof. Oliver Friggieri, Alfred Palma u l-bqija, huma l-ovvju tal-apprezzament ta' kull min iħobb il-qari u l-kitba. Ma' dawn, hemm poeti ġodda li impressjonawni. Pubblikazzjonijiet ġodda huma reklamati b'armonija u dinjità. L-editorjal hu splendidu fir-realiżmu kontemporanju.

Għamilt aċċenn għall-poeżiji għax forsi dawk jien li l-iktar kapaċi nikteb. Imma wkoll għax napprezza kittieba oħrajn, stabbiliti u dawk li ghadhom blanzuni.

B'IL-PONT qed tagħmel ġid artistiku kulturali tremend, Patrick, u iva, ta' dan jixraqlek rikonoxximent. Miegħi qed tagħmel karità tremenda għax tnessini l-ġrieħi u l-makkji tas-swat li s-Sajf tagħna għadu ma xebax jagħtini. Grazzi mill-qalb.

B'Imħabba,

Mario

**Email mingħand il-Prof. Oliver Friggieri, it-12 ta' Lulju 2020**

Għażiż Patrick,

Prosit dejjem akbar minn ħarġa għal oħra ta' IL-PONT. M'għandix kliem tassew biex infissirlek kemm inqis li s-servizz tiegħek lil-letteratura Maltija hu ammirevoli u meħtieġ.

Insellimlek,

Oliver

**Email mingħand Joe M. Attard, it-12 ta' Lulju 2020**

Bla dubju jien ukoll għażiż Patrick ngħidlek grazzi u nifraħlek għal IL-PONT li jkun miżgħud b'tagħrif interessanti għall-gosti ta' dawk kollha li jħobbu lil-Letteratura u lil Ilsienna. Nifhem li jeħodlok ħafna ħin u dedikazzjoni, imma ċert li jagħtik ħafna sodisfazzjon.

Tislijiet u ħu ħsieb!

jma

**Email mingħand Charles Bezzina, it-12 ta' Lulju 2020**

Għażiż Patrick,

Għal darba oħra nixtieq nizzik ħajr talli bgħattli IL-PONT. Interessanti ħafna l-kitbiet li fih, il-poeżiji u anki l-kummenti ta' xi kittieba. Kollu xhieda tal-ħidma sfiqa u l-impenn persisteni tiegħek. Semmejt fl-Editorjal bl-aktar interess u preokkupazzjoni dwar l-Għaqda Poeti Maltin. Din kienet il-mimmi ta' Mons. Amante Buontempo, ta' Alfred Massa u ta' Charles Magro, u ta' ħafna membri oħra li lkoll ħabirku għat-



tkabbir tal-Għaqda. Din għamlet ħafna serati letterarji f'Malta u Għawdex, u kienet ta' ġid kbir lill-kittieba u poeti. Jien kont ilni membru tagħha mill-1979, kważi minn meta twaqqfet, u fl-1989 ħatruni bħala delegat tagħha għal Għawdex. F'Għawdex kont inkun involut jien u s-serati li saru Għawdex dejjem kienu suċċess. Insemmi fost bosta, is-serata li konna għamilna f'għeluq il-85 sena tal-Poeta Ġorġ Pisani (1909-1999), u bosta oħrajn. Illum x'ġara minnha ma nafx, u jekk jeżisti llum il-kumitat tagħha nixtieq inkun naf min huma l-membri u meta saret l-aħħar Laqgħa Ġenerali.

Fl-aħħar nett, f'IL-PONT hemm emajl minn Fr Paul Attard, fejn wera interess għall-ktieb tal-gwerra tiegħi *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943*. Dan fih 603 paġni, 100 paġna oħra ritratti fuq art paper, u madwar 1850 referenzi. Jekk min interessat jixtieq li jkellimni jew jakkwista kopja tiegħu, kemm jiktibli fuq l-emajl: charles.poetics@gmail.com.

## Email mingħand Michael Zammit, it-13 ta' Lulju 2020

Inroddlok ħajr minn qalbi.

Qed iżżommna tassew aġġornati mad-dinja letterarja u toffielna qari ta' kwalità.

Inġedded l-ammirazzjoni tiegħi għal sforz bħal dan li qed iħalli tant u tant frott. Ħasra li mhux stampat. Iżda ġa grazzja li jaslilna f'darna.

Saħħiet,

Michael

## Email mingħand Lina Brockdorff, it-13 ta' Lulju 2020

Għażiż Patrick,

Bonġu u nittama li inti u l-familja kollha tinsabu tajbin. Grazzi u prosit ta' IL-PONT. Il-veru nammira l-kuraġġ li għandek biex barra l-istudju tkompli dejjem aktar tirfina f'dan il-magażin li fuq kollox huwa uniku għal Malta u Għawdex. U nifraħlek ukoll għall-fatt li mill-aħjar li tista' ddaħħal ismijiet u xogħol ta' kittieba kemm Maltin u kemm mhumiex. Bravu tassew, imma fl-istess ħin nawguralek ftit mistrieħ.

Tislijiet mill-qalb,

Lina

## Email mingħand Vanessa Fenech, it-13 ta' Lulju 2020

L-għodwa t-tajba Sur Sammut,

Edizzjoni extra ta' IL-PONT tinżel għasel, speċjalment f'dawn il-ġranet sajfin fejn wieħed ikollu ftit tal-ħin żejjed sabiex jintilef fil-ġmiel tal-letteratura. Nirringrazzjak tax-xogħol tiegħek.

Grazzi u tislijiet,

Vanessa



## Email mingħand Amanda Busuttil, it-13 ta' Lulju 2020

Inselimlek Patrick,

U grazzi tassew ta' din ir-rivista serja u mimlija b'impenn ġenwin b'risq il-letteratura. Napprezzaha wisq meta tasalli għax naf li għandi ħin fejn meta naqraha, inħossni fid-dinja tiegħi.

Inselli għalik u grazzi li għoġbok iġġib ftit ħajku tiegħi f'din il-ħarġa. (Ħa nagħmel fotokopja tagħha għax hekk ingawdiha aħjar ukoll fil-qari u nkun nista' nżommha mal-kotba).

Amanda

## Email mingħand Melanie Camilleri, l-14 ta' Lulju 2020

Għażiż Patrick,

L-għodwa t-tajba! L-ewwel nett xtaqt ngħidlek grazzi talli ppubblikajt l-intervista kif ukoll l-istorja "The Faerie and the Earl" li ntogħġbot tassew minn ħafna. Qed nibgħatlek il-poeżija tiegħi "The Cup and The Tea-Pot Lid" li ktibt nhar il-15 ta' Mejju, dak in-nhar li miet il-mużiċista/poeta Taljan Ezio Bosso. Huwa kien marid serjament b'marda fin-nervituri u fl-aħħar snin ma setax jibqa' jdoqq il-pjanu li tant kien għal qalbu. Forsi taf dwaru aktar minni, forsi le, iżda jekk tidħol fis-sit tiegħu tal-Facebook, tkun tista' tara l-poeżiji tiegħu ferm profondi, ispirati mid-diffikultajiet li huwa ġarrab.

Nawguralek ġurnata mill-isbaħ u nirringrazzjak mill-ġdid.

Tislijiet,

Melanie

## Email mingħand Trevor Żahra, is-16 ta' Lulju 2020

Grazzi u prosit ta' IL-PONT, Patrick.

Interessantissimu, bħal dejjem; tabilħaqq "pont" mad-dinja letterarja.

Grazzi mill-ġdid,

Trevor

## Email mingħand Ġużè Cutajar, is-17 ta' Lulju 2020

Għażiż Patrick,

Fraħt naqra l-artiklu li ktibt fuqi, niżżik ħajr u nittama li tibqa' twassal b'IL-PONT il-gmiel u l-qawwa tal-Ilsien Malti, il-kitba qawwija ta' għadd ta' kittieba Maltin, għax ghandna biex niftaħru bil-letteratura Maltija, bl-Arti u tant ħwejjeġ oħra li jesprimu t-talent u l-ġenju Malti.

Nifraħlek qatigħ għax-xogħol siewi li qed tagħtina. Minnu qed toħroġ ħolqa ħajja fostna l-qarrejja Maltin ta' Ġewwa kif ukoll ta' Barra.

Ħajr u Saħħa,

Ġużè Cutajar



## IL-PONT JINTERVISTA LILL-POETESSA TALJANA IDA DI IANNI

**Qual è il suo mestiere/la sua professione?**

Sono docente di Italiano e Latino al Liceo Scientifico dell'ISIS Majorana-Fascitelli di Isernia (Italia) e dal 2001 direttore editoriale della Volturnia Edizioni, casa editrice molisana.

**Luogo di nascita, e luogo dove abiti nel presente? Il bello e il brutto di tali luoghi?**

Sono nata e vivo a Cerro al Volturno, paese di poco più di mille anime, in provincia di Isernia. La tranquillità del luogo e la sua distanza dai principali centri culturali del Molise (e dell'Italia) sembrerebbero favorire la mia attività letteraria. In realtà, l'assenza di stimoli o di iniziative locali con reale valenza, la mancanza di moventi più o meno significativi per la mia produzione letteraria hanno reso e rendono sovente angusto e inviso questo "spazio". Un limite più che una possibilità, almeno per quanto riguarda la mia produzione poetica.

**Da dove nascono le tue poesie?**

Dire che la poesia è un moto dell'anima, sarebbe come riconoscere dove essa nasca e questo mi pare ormai acclarato. Il sentire è lì che è riposto, ma sono necessari anche altri requisiti perché i moti interiori cristallizzino nella parola poetica. Quei moventi (pure il titolo di una mia piccola raccolta) di cui si parlava prima, quelle strette che la vita riserva a chi ha una sensibilità affinata e che si manifestano anche in situazioni in apparenza "normali". La mia poesia nasce dunque dal vivere, dal pormi sempre in ascolto rispetto a quello che attraverso – nella mia attività professionale e nel mio quotidiano -, dal tradurlo ineludibilmente in parola (secca e breve) che definisca, dia contorno a quel momento e stabilisca una collocazione nella memoria. Perché l'emozione non abbia a perdersi, per riprodursi ogni volta che il verso ritorna o la poesia si legge. Sia gioia sia soprattutto dolore. Quello io non voglio perdere, per ricordare sempre. Destinatari me stessa o anche chi in quel dire può ritrovarsi, può trarre beneficio per sé. Spesso piango quando scrivo, e così mi libero di quella tensione emotiva che preme e porta alla scrittura. Io genero soltanto così. Non scrivo a tavolino, non so scrivere a tema né a comando. Dico di me che non so immaginare. Lo spazio della scrittura è per me ovunque. I motivi, me li dettano incontri, viaggi, emozioni che attirano il mio sguardo e attivano la mia percezione di ogni mio intorno. E così quando rileggo la mia poesia, rivivo l'attimo della creazione e piango di nuovo. Ci sono mie liriche che so di non poter leggere in pubblico, perché le accompagno al pianto. Che torna come fosse allora. Una sorta di malia che non so spiegare e da cui non so sottrarmi con la ragione.

**Perché scrivere poesia?**

Perché credo sia un modo sublime per esprimersi, oltre che necessario, per dire di sé, dell'altro, del mondo come altrimenti non si saprebbe o non si potrebbe dire. Perché ci sono poesie chiare nel messaggio o nelle immagini, e altre che abbisognano di livelli di lettura diversi, perché forse non possono dire quel che realmente si vorrebbe. Perché l'animo è in continua deflagrazione e con la poesia si rimettono insieme i pezzi e si consegnano interi e integri ad altri. Mi piace dunque pensare alla poesia come a un viaggio: una piccola sorgente (quella che romba nell'anima) che alimenta un rivolo, che poi ingigantisce in un fiume e infine va a placarsi nel mare. Da dove nasce a dove muore: dal poeta al suo lettore. In mezzo, la vita e i loro vissuti, che si ricongiungono nella parola.




**Quali sono i temi prinčipali trattati?**

La mia è poesia prettamente intimista: scrivo di emozioni e sulla scorta di emozioni. Poesia di memoria e di occasione, legata ad affetti e a idealità. Nella mia prima produzione ho affrontati anche tempi di poesia civile per poi assecondare una vena per natura malinconica e "romantica", nel senso letterario del termine.

**Alcuni dei suoi libri pubblicati preferiti? Di cosa trattano?**

Tra le mie opere in poesia, vorrei citare due sillogi, entrambe legate da un filo rosso: la figura di mio padre. La mia prima, *Impronte d'inverno* (2001), ho scritto nella primavera susseguente alla malattia, che lo segnò nel fisico e nella mente e che mosse questa prima pubblicazione (in precedenza, avevo scritto per qualche rivista letteraria ed ero comparsa in qualche antologia). Nel 2009 mio padre moriva dopo indicibile sofferenza e scrissi in seguito *Ora nel vento*, in cui elaboravo il mio primo, profondo dolore provato, rammentando i giorni e le notti vissuti accanto a lui morente e il tempo del dopo, quello orribile del vuoto e dell'assenza. Questi credo essere i libri che più abbiano significato per me.

**Il poeta come cittadino cosmopolita. Cosa ne pensi?**

È una bella definizione. Sì, il poeta abita il mondo e, prima ancora, abita se stesso. Nella confluenza di queste due "case" il suo valore, la sua funzione. La sua missione universale: quella di far vedere agli altri ciò che altri altrimenti non vedrebbero. In ogni luogo e in ogni lingua. Plaudo in questo modo anche alla poesia che viaggia attraverso le traduzioni e si fa interprete non solo della visione del poeta, ma anche della società e della lingua in cui lo scrittore si eprime.

**Da "Tutto splende da lontano" (Volturnia Edizioni, 2020)**

I
È caduta la parola di pietra
sul mio petto ancora vivo.
Non mi accorsi di morire
nel sogno che tardava a disfarsi.
Ora ci sono colori dentro le nuvole
ed è lì che ti dici solo luogo.

Spazio e aria
e respiro libero
e volo di aquiloni.
Spazio, spazio del mio tempo,
coda di aquilone stretto nelle mani.
Riprendo così in mano i miei giorni.

II
La notte è umida
avida di conoscere
senza che l'acqua sia sua.
Cuore hai detto
nello sguardo celeste
oggi donato al tramonto.
Divini i monti
della tua obbedienza
e fredde le mani,
così belle nel semiguanto nero,
superbamente vezzoso.
Buon Natale a te.
Dono per me
nel volgere di un tempo
che non vuoi che ritorni.




III
Al  nudo della verità incarnata
solo un dono chiederti
: Lascia che ti ami
quando il buio ti attraversa
nel silenzio che so leggerti.
Mi vedrai allora attendere
la parola che scioglie
il cielo che indora
la carezza che sfiora
il senso dato a ogni mio senso.
Allora
ogni battito di ciglia
avrà il tuo nome
Questo, questo
io so.

**Ida Di Ianni** è nata e vive a Cerro al Volturno (IS).

Docente di Italiano e Latino presso i Licei; dal 2003 è direttore editoriale della Volturnia Edizioni di Cerro al Volturno (IS) e direttore editoriale e redattore della rivista molisana di arte, letteratura, storia, natura e tradizioni "Altri Itinerari"; giurata dal 1997 in diversi Premi nazionali di Poesia e narrativa, svolge attività di critico letterario ed è promotrice culturale. Dal 1996 ha scritto per diverse testate giornalistiche e riviste letterarie molisane e nazionali. Attualmente pubblica suoi saggi sulla rivista online Quarta Dimensione per Molise Cultura.

Sue pubblicazioni: *Impronte d'inverno* (poesia, 1998); *L'Alta Valle del Volturno – Natura, Storia e Tradizioni* (guida, 1999); *Sfogliando pagine* (critica letteraria, 1999); 'Le famiglie feudali in Il Medioevo molisano attraverso torri, castelli, palazzi e fortificazioni' (saggio, 2001); 'Vincenzo Rossi e i canti della terra' (saggio, 2001); *Dissonanze* (poesia, 2002); *Agnone e l'Alto Molise* (guida, 2003); *Scapoli e il Museo della Zampogna* (guida, 2006); *Gli intangibili blu* (prosa-poesia, 2006); *Brividi imperfetti* (poesia, 2008); *Alta Valle del Volturno* (guida, 2000-2009); *Ora nell'aria* (poesia, 2010); *Moventi* (poesia, 2011); 'Mario Di Ianni – Un uomo, un politico' (saggio, 2012); *Dizionario della lingua cerrese* (2012-2018); *Paillettes* (poesia, 2013); *Nido bianco di baci* (poesia, 2014); *Altra partenza* (poesia, 2015); *Pier Paolo Pasolini 40* (antologia, 2015); *Senza perdere la strada* (poesia, 2016); *Vite che tremano* (antologia, 2016); *Cartoline dalla terra che forse esiste* (antologia, 2018); *Dove io abito, è casa* (antologia, 2018); *Farmaco d'amore* (antologia, 2018); *Arsenale di memorie* (con Matilde Iaccarino, racconti, 2019); *Seno amaro* (antologia, 2019); *Tutto splende da lontano* (poesia, 2020). A giugno 2020 è stata inserita tra le 12 poetesse italiane e straniere di un'Antologia in lingua albanese curata dal poeta Arjan Kallço. Ultima opera la silloge *Fiori di Luce* (antologia, luglio 2020), a cura di e con Giuseppe Napolitano.



**WARA L-PUBBLIKAZZJONI REĊENTI TA' *L-ANTOLOĠIJA TAL-POEŻIJA RUSSA XIX-XX*, IL-PONT JINTERVISTA LIL YANA PSAILA:**

**F'din il-ġabra poetika ġdida tiegħek inti bħal tgħaqqad flimkien l-imħabba tiegħek għall-poeżija Russa fuq naħa, u dik lejn l-ilsien Malti fuq l-oħra. Xi tgħid dwar dan?**

Għadni niftakar il-poeżiji ta' Alexander Pushkin li kienet taqrali ommi qabel ma norqod u wara dejjem kelli ħolm mill-isbaħ! Dwar prinċipessi u kavallieri, eroj u magi tajbin. Naħseb li dan il-ħolm ta' tfuliti ddetermina l-imħabba tiegħi lejn il-poeżija. Rigward l-ilsien Malti u l-qawwa tal-influwenza tiegħu fuqi nista' nagħtik dal-eżempju. Meta ġejt Malta għall-ewwel darba u smajt il-lingwa Maltija, donnha kienet messitli l-kordi ta' qalbi. Illum il-ġurnata l-Malti sar għalija t-tieni lsien nattiv. Fi kliem ieħor l-għeruq ta' mħabbti lejn il-poeżija u l-lingwa Maltija qegħdin fil-fond ta' ruħi.

**Meta twieldet l-idea ta' dan il-ktieb, u kemm ħadt żmien biex ħdimtu? Liema kienu l-waqtiet l-iktar diffiċli u dawk li tawk l-iktar sodisfazzjon?**

Kont ngħożż din l-idea bosta snin. Kelli ħafna x'naħseb dwaru: kelli nagħżel il-poeti, imbagħad nagħmel l-għażla tal-poeżiji tagħhom u qabel kollox kelli nqarreb it-traduzzjonijiet tiegħi lejn l-oriġinali kemm jista' jkun ħalli jagħmlu l-istess impatt estetiku fuq il-qarrej Malti. Apparti mir-ruħ tal-poeżiji żammejt ir-rima li ma kienx xogħol faċli, però r-riżultat tani sodisfazzjon kbir.

**Il-ktieb jinqasam f'erba' partijiet ewlenin: L-Età tad-Deheb tal-poeżija Russa; l-Età tal-Fidda; Il-Poeti tas-Snin Sittin; u Poeżija fil-Kanzunetta. Matul dawn l-erba' taqsimiet inkludejt ix-xogħlijiet ta' 17-il poeta Russu differenti. Għaliex l-għażla tiegħek marret fuq dawn il-poeti partikolari?**

Fil-fatt dal-ktieb maqsum fiż-żewġ partijiet: il-parti ewlenija u dik addizzjonali. L-ewlenija tirrifletti l-idea tal-bidu, li jkunu ppreżentati l-epoki klassiċi tal-poeżija Russa tas-sekli XIX-XX: L-Età tad-Deheb tal-poeżija Russa, l-Età tal-Fidda, Il-Poeti tas-Snin Sittin, u l-poeti ewlenin ta' dawn l-epoki rispettivament. Dil-parti tinkludi 30 xogħol poetiku tal-15-il poeta. Il-parti addizzjonali "Poeżija fil-Kanzunetti" ddedikata għall-75 Anniversarju mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija. Dik ma kinitx ippajanata mill-bidu tal-proġett. Inkludejtha fil-ktieb eżatt qabel il-pubblikazzjoni, għax il-popli ta' Malta u tar-Russja għadhom jiftakru f'dik it-traġedja kbira li kellha tgħix id-dinja fin-nofs tas-seklu li għadda. Qatt ma għandna ninsewha ħalli t-tbatija tal-antenati tagħna ma tirrepetix ruħha. L-għażla tal-kanzunetti nfushom kienet ibbażata fuq il-memorji tan-nanniet tiegħi. In-nannu kien jiġġieled fil-gwerra u kellu bosta medalji militari għall-qlubija. In-nanna waqt il-gwerra meta kienet għadha kważi tifla diġà kienet taħdem fil-fabbrika fejn kienu jħitu l-uniformijiet għas-suldati. Għax-xogħolha wkoll kienet ippremjata mill-istat. Il-kanzunetti inklużi f'din l-antoloġija huma kienu jħobbu jkantawhom waqt is-serati tat-tifkiriet dwar il-gwerra li ħalliet marka fuq ħajjithom għal dejjem.

**Min se jaqra dan il-ktieb se jara li l-Malti li tuża inti huwa ċar, sempliċi u mexxej u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar dik tiegħu se tkun esperjenza pożittiva fejn jingħaqdu flimkien il-pjaċir tal-qari u l-kisba ta' għarfien ġdid dwar il-poeżija Russa. Dan kien l-għan tal-poeti Russi wkoll meta kitbu l-poeżiji tagħhom?**

Nirringrazzjak ħafna ta’ dawn il-kummenti sbieħ rigward xogħli, tassew importanti għalija għax jfissru li rnexxieli nikseb l-armonija bejn il-kontenut u l-melodija tal-poeżiji tradotti. Fir-rigward tal-poeti nfushom, l-għażla tagħhom kif ukoll ta’ xogħlijiethom saru bil-għan li nuri dil-armonija lill-qarrej Malti.

**Indunajt li l-poeżiji li ttraduċejt għall-Malti fl-ewwel tliet taqsimiet jittrattaw temi bħall-imħabba, it-twemmin, il-poeżija u ħwejjeġ pożittivi oħra, filwaqt li fl-aħħar taqsima inkludejt poeżiji dwar il-gwerra. Din kienet intenzjonata mill-bidu tal-proġett? X’rabta hemm bejn dawn iż-żewġ kuntrasti?**

Din il-mistoqsija diġà rrispondejtha b’mod dettaljat aktar qabel, però nixtieq inżid li kieku jkun tal-ġenn jekk fuq il-pjaneta tagħna jgħixu biss l-imħabba, it-twemmin u l-poeżija u ma jeżistux ebda gwerer u tbatija! Sfortunatament, fl-istorja taċ-ċivilizzazzjoni tagħna hemm ftit minn kollox. Dak li jorbothom flimkien.

**Innutajt li mis-17-il poeta Russu li ttrattajt, tnejn huma nisa: Bella Akhmadilina u Novella Matveeva, li huma poetessi kontemporanji li mietu biss ftit snin ilu. X’taħseb dwar kieku xi darba taħdem fuq antoloġija poetika li tiġbor fiha biss ix-xogħlijiet ta’ poeti nisa?**

Fost il-poeti tal-Età tad-Deheb in-nisa mhumiex imsemmijin. Però, fl-Età tal-Fidda n-numru tagħhom diġà kien mhux ħażin: Anna Akhmatova, Marina Tsvetaeva, Zinaida Gippius, Vera Inber, Sofia Parnok, Adelaide Gertsyk, Galina Galina, Irina Odoevtseva, Mirra Lokhvitskaya. Huma rrappreżentati sew ukoll fil-poeżija tas-Snin Sittin: Bella Akhmadulina, Novella Matveeva, Rimma Kazakova, Yunna Moritz, Inna Kashezheva, Tamara Zhirmunskaya, Lina Kostenko. Nirringrazzjak ta’ din l-idea; l-antoloġija li jmiss tista’ tkun iddedikata lilna, lill-poeti-nisa, għaliex le!

**Naf li bħalissa għaddejja bil-kitba tat-teżi tad-Dottorat. Fiex tikkonsisti? Xi ħaġa tgħidli li hija marbuta mal-qasam tat-Traduzzjoni u tal-Letteratura fl-istess ħin, jew sejjer żball?**

F’din it-teżi qed nipprova nsib ir-risposti għal dawn il-mistoqsijiet: liema xogħlijiet poetiċi għandu jagħżel traduttur biex jaqlibhom għal lingwa oħra? Liema strateġiji tat-traduzzjoni għandu juża ħalli x-xogħol tradott jagħmel l-istess impatt emozzjonali bħal dak oriġinali fuq il-qarrej? F’din ir-riċerka hemm ukoll l-analiżi tal-perċezzjoni tal-poeżija Russa mill-qarrejja u s-semmiegħa bl-użu tal-eżempju tat-traduzzjonijiet tax-xogħlijiet poetiċi ta’ Vladimir Vysotsky għall-Malti. Nixtieq ngħid li grata ħafna lill-Prof. Joseph Eynaud u lill-Prof. Sergio Portelli mid-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni tal-Università ta' Malta għall-opportunità li nwettaq esperiment xjentifiku biex nittestja l-ipoteżi tiegħi. Ir-riżultati tal-esperiment diġà jippermettu li jiġu fformulati ċerti konklużjonijiet xjentifiċi u prattiċi. Jiġifieri qed naħdem fuq dir-riċerka mhux għall-finijiet ta’ xi eżerċizzji intellettwali, iżda sabiex nirrifletti aħjar fuq il-proġetti tiegħi li diġà saru u naħseb sew kif nista’ ntejjeb il-kwalità ta’ xogħli fil-qasam tat-traduzzjoni letterarja. Tassew li din it-teżi xxaqleb lejn Studji tat-Traduzzjoni u fl-istess ħin lejn Studji Letterarji u għalhekk teħtieġ adattament għal speċjalizzazzjoni xjentifika waħda minn dawk it-tnejn. Bħalissa ninsab fil-proċess tal-finalizzazzjoni tal-materjal.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Bħalissa qed naħdem fuq il-proġett importanti ħafna għalija li jikkonsisti fit-traduzzjoni ta’ 40 poeżija ta’ Dun Karm Psaila mill-Malti għar-Russu u l-kummentarju akkademiku rigward it-traduzzjoni nnifisha. Din il-konoxxenza profonda max-xogħlijiet tal-poeta kbir tagħtini idea iktar preċiża dwar Malta u r-ruħ tal-poplu tagħha.

Hemm xi ideat dwar il-proġetti ġodda, però bħalissa qegħdin fl-istadju tal-ippjanar u riflessjoni. L-esperjenza wrietni li kull proġett għandu jgħaddi mill-fażijiet kollha meħtieġa tat-twelid, it-tkabbir u l-maturazzjoni. Dan jiddependi minn ħafna fatturi li għandhom impatt tagħhom fuq kull wieħed minn dawn l-istadji.

## TEMPESTA

Rajt tfajla fuq l-irdum
bil-libsa bajda tħares lejn il-mewġ ifferoċjat
meta l-baħar imqalleb
kien qiegħed jilgħab fid-dlam qalil mal-blat,
meta l-ħin kollu kienet qed iddawwalha
id-dija tas-sajjetti ħamranija
waqt li l-mant tagħha kien qed jittajjar

b'riħ qawwi fid-dagħdigħa?
Sabiħ il-baħar f'din id-dalma
u s-sema kollu mrieżaq tas-sajjetti
iżda emminni,
dik it-tfajla fl-għoli fuq il-blata
tkun isbaħ mis-smewwiet, mill-ħalel u l-maltempata.

**ALEXANDER PUSHKIN**

## XITA F'WIĊĊI U F'GĦONQI...

Xita f'wiċċi u f'għonqi,
u fuq l-arbli tal-bastiment qed iberraq.
Int inzertajtli
bħalma tempesta tinzerta lil vapur.

Jiġri x'jiġri,
ma rridx inkun naf:
jekk hux naħbat man-niket
jew inkella se nidħol intir ġol-hena.

Qed nibża' u fl-istess ħin qed nieħu gost,
bħal dak il-vapur...
ma jiddispjaċinix li nzertajtek.
Ma nibżax li sirt inħobbok.

**BELLA AKHMADULINA**
**(Maqlubin mir-Russu għall-Malti minn Yana Psaila)**

## POETIĊITÀ BLA FRUNTIERI - *ANTOLOĠIJA TAL-POEŻIJA RUSSA XIX-XX*, traduzzjoni u edizzjoni ta' YANA PSAILA

### Kelmtejn ta' Tarcisio Zarb

Alexander Pushkin, Mikhail Lermontov, Peter Vyazemsky, Fedor Tytche, Afasy Fet, Alexander Blok, Boris Pasternak u oħrajn issa għandhom xi poeżiji minn tagħhom li jistgħu jinqraw b'ilsienna fi tradizzjoni u edizzjoni ta' Yana Psaila, Russa li nnamrat ma' lsienna u art twelidna b'saħħa, ħlewwa, diliġenza u intelliġenza.

Għaldaqstant, nissuġġerixxi, li dawn il-poeżiji li issa nqalbu għal ilsienna, jintiegħmu mill-poplu Malti, b'mod speċjali l-istudenti, u b'hekk jagħrfu kemm il-poeżija ma tafx fruntieri, u dan minħabba l-fatt, li s-sentimenti, l-emozzjonijiet u l-konjizzjonijiet huma tal-bniedem, indipendentement minn fejn jgħix. Il-varjazzjonijiet fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi u




versifikatriċi li tista' tammetti lingwa, jew li jkunu daħlu u saru jagħmlu parti minn xi kultura partikolari, ma humiex xkilijiet għall-poeżija. Għax il-poeżija min-natura tagħha hija universali – hija lingwa li ma tagħraf l-ebda diviżjoni/qsim jew tbarrijiet.

U dan hu sewwa sew il-ġmiel ta' din il-poetessa, li bl-istess preżenza poetika tagħha, tagħti lil ilsienna mhux biss 'nozzjonijiet' u 'sentimenti' poetiċi ġejjin minn oqsma oħra ta' appartenenza fil-globu, imma fl-istess ħin tagħni lil ilsienna u lill-istess melodjożità tiegħu, u dan b'mod speċjali meta jinstemgħu jinqraw b'leħenha. Hawnhekk il-leħen ta' din il-poetessa jagħti dimensjoni ewlenija mhux biss lill-versi Russi, imma wisq aktar lill-versi, li issa saru Maltin, jew forsi aħjar, imxew minn naħa għal oħra ta' divarju, biex xorta waħda seħħilhom jixxintillaw f'min jismagħhom u jaqrahom.

Dal-ibbriġġjar bejn il-kulturalitajiet u l-identitajiet jagħnu mhux biss lill-ġemgħat, imma wkoll lill-individwi – lil min fis-skiet ta' ruħu jtiegħem kull tant żmien xi wħud minn dawn il-poeżiji – poeżiji li mxew u ddakkru minn żminijiet, etajiet u essenzjalitajiet li jsawru l-ethos-bniedem. Huwa sewwasew hawnhekk li aħna nsibu ruħna, f'dal-baħar bla tarf ta' ħsejjes. Hawnhekk, il-ħsejjes jieħdu dimensjoni



Alexander Pushkin (1799-1837)

oħra – id-dimensjoni mitoloġika tal-poetiċità – dik ill-vibrazzjoni li jirnexxilha terġa' tintona mill-ġdid lil din l-istess ħajjitna.

Yana Psaila, hija, kienet u tibqa' veikolu daqskemm ispiratriċi ewlenija f'dil-vastitità poetika, li l-ħin kollu, qiegħda titlobna biex naqrawha – għax naqrawha jew ma naqrawhiex, hija dejjem qiegħda hemm tielgħa minn qiegħ ruħna – minn qiegħ il-bnedmin sħabna li għexu mxerrda mal-erbat irjieħ tad-dinja. Ħajr għaldaqstant imur għal din il-poetessa-ġentili, lingwista li nnamrat ma' dak li hu sabiħ, ġenwin, tajjeb u dejjem.

Ħajr ta' preżenzek. Poeżija unika.

## LEĦEN OMMI JSALVALI ĦAJTI...

### Kitba ta' Alfred Palma

F'għodwa kiesħa u mċajpra ta' Frar, xi tnax-il sena ilu, kien it-Tnejn, qtajtha li mmur sal-Gallarija tal-Fgura biex nixtri kutra. Wasalt il-Fgura kienu xi d-disgħa neqsin kwart, u l-ħanut li minnu kelli l-ħsieb li nixtri l-kutra kien għadu magħluq. Bdejt naħsibha jekk sadatattant, sakemm jilħaq jiftaħ il-ħanut, indurx dawra mal-Kumpless u noqgħod inħares mill-ħġieġ ta' xi ħwienet oħra (bosta minnhom għadhom magħluqin ukoll) u nistenna li jgħaddi l-ħin. Bdejt indur 'l hemm u 'l hawn; iżda fil-ħin u l-waqt iddeċidejt li noħroġ nagħmel qadja oħra l-Fgura u l-kutra nixtriha drab'oħra. Ħriġt mill-Kumpless u mxejt pass pass max-xellug fuq il-bankina tul Triq Ħaż-Żabbar. Waqt li kont qed noqrob lejn l-Uffiċċju tal-Assikurazzjoni li hemm ftit bogħod mill-Gallarija, nisma' leħen ommi (mhux l-ewwel darba, wara li kienet mietet fl-1989) jgħidli: 'Mur ara fetaħx il-ħanut.' Obdejtha, u dort lura fil-pront. Eżattament malli dort nisma' ħoss tremend warajja! Kien waqa' s-*sign* daqsiex u tqil li kien hemm fuq il-bieb tal-uffiċċju. Ksaħt! Riġlejja weħlu mal-art! Li kieku ma obdejtx leħen ommi u dort fil-pront, is-*sign* kien jaqa' dritt fuqi u jħallini tal-kolp!

Il-bankina, bis-*sign* imkisser u mgħawweġ quddiem il-bieb tal-uffiċċju, imtliet bil-frak tal-ħġieġ u b'għadd mhux ħażin ta' nies, x'uħud jistaqsuni jekk kienx ġrali xi ħaġa, jekk kontx intlaqatt! Mifxul u b'dehxa kbira fuqi serraħtilhom rashom li ma kien ġrali xejn! Iżd'issa ma kellix aktar moħħ il-kutra, jew qadi ieħor, u flok ma mort lura l-Gallarija mxejt bil-għaġla lejn l-istejġ fil-qrib biex nerġa' naqbad tal-linja lura lejn Ħaż-Żabbar.

## EPIGRAMMI:

## IN-NEGOZJANT TAL-INBID

L-aktar ħaġa li tolqtu mill-Vanġelu,
fost tant ġrajjiet u għemejjel kbar ta' ġid
li Kristu wettaq, hija l-ħila tiegħu
li biddel waqt it-tieġ l-ilma f'inbid.

## SAN PAWL

Kull min jagħmel il-ġid ġo dawn il-gżejjer
isib minn kull tfixkil min-nies bla dawl;
xejn la tistagħġbu; ftakru li kif wasal
sofra n-nawfraġju wkoll l-istess San Pawl.

**(minn *Alla Twajjeb Dejjem. Poeżiji ta' Anton Buttigieg*, miġbura u magħżula minn Anselm Sciberras, 2009)**



## AN INTERVIEW WITH JOSEPHINE BURDEN, AUTHOR OF *WASHING UP IN MALTA* AND *SONGS FOR A BLIND DATE*.

**I just read in a few days your first novel *Washing Up in Malta* (2012). This is part of a trilogy: a second published novel, *Songs for a Blind Date* (2013), and a third volume (still in the making) made up of short stories. I know that your first novel binds strongly with Malta. What about the second and third volume of this trilogy?**

Yes, Malta weaves through the lives of the two main characters, mother and daughter, in my first novel, *Washing up in Malta*. In a sense, Malta is a third character in the narrative. The second book, *Songs for a Blind Date*, retains a similar structure to the first in that the narrative traces the lives of two people, Jessica, one of the characters in *Washing up in Malta*, and Ernesto, a post-war child migrant from Italy to Australia. The stories are linked together in a third narrative running through the interludes and referring also to the first book. However, although Malta features, the focus is on migration to Australia and the love story of two people in an adopted land.

The third book, *Middle Sea Dreaming*, once again has Malta as central but is about travel around the Mediterranean Sea as a solo woman in later life. The interludes are again used as a linking narrative set in Malta, now gripped by a pandemic that prevents travel. The mythical and historical stories of the women who are often hidden from history in the public monuments and museums visited by the traveller, Jessica, are researched and linked to her memories of life and travel. This is the first novel in the trilogy where first person narrative is used throughout and re-editing continues. I am looking for a publisher in Malta this time.

**An important element in your writing is the strong spiritual bond with the land you are born in. Reactions?**

Australian Aboriginal people believe that we all have a powerful connection to the place where we are born and if people are prevented from returning they are incomplete. Yet the history of humanity is one of migration. It is this contradiction that intrigues me.

**In *Washing Up in Malta* you recorded changes that happened in Malta along the years. How do you see Malta today compared to that of the 60s, 70s and 80s?**

One of the interludes in *Washing up in Malta* records the return of the narrator to St George's Bay 50 years after she lived there as a young girl. I write about the profound sadness in finding our memories concreted over and erased. The Malta we have created today is unsustainable. I don't refer to nostalgia for a way of life that no longer exists but to the overexploitation of the natural resources of Malta. Wherever I can, I support those NGOs and activist groups who resist the overdevelopment of the land and increasingly now the sea. When I came to live in Valletta over a decade ago, I did not get a car, as one of the reasons for my move from Australia was that I wanted to be part of the change towards a sustainable future. Malta is small and presents the opportunity of developing a transport system that is not car dependent. But I think we have lost our way and I no longer enjoy walking or taking the bus.

**Do you consider your writing feminist? Male characters are just passers-by. Grace (mother) and Jessica (daughter) are the real solid characters in**

**your novel. I liked a final sentence where you write, "My mother's story is my story, but I have my own story as well." It's a herstory (not history) above all. What do you think?**

I am a woman and I write from my perspective as a woman. I have also had over 70 years of experience of the ways in which men are privileged over women in the social systems we have established for ourselves. Across the centuries, some women have made choices in their lives that challenge the dominant narrative. Sometimes, like all people, men or women, we go along with the norm in order to survive. In my third novel, *Middle Sea Dreaming*, I write about some of the women around the Mediterranean Sea, including Malta, who have lived extraordinary lives and yet whose stories are trivialised rather than presented as heroic.

**Scotland, the Bahamas, Malta, Australia. How are they linked and how do they vary in your experience as a traveller?**

I grew up in a travelling household and my mother taught me to carry home within me. As an adult, I did not plan to travel but rather I travelled to support myself and find out about my world. The sea has always played a significant part in my sense of home and I have been most happy living by the sea. I travelled to Australia in pursuit of work and stayed because I liked the openness of place and culture. When I became a citizen, I thought that Australia was where I would end my days. However, as I grew older and began to contemplate life beyond paid work, I realised that I wanted to live somewhere smaller. I am privileged in being able to migrate at will and to seek different resources in a place as my needs change.

**The importance of past and present, and getting to know oneself even from others. How do react to this?**

Feminist writers talk about self in relationship – that as humans, we know ourselves in relation to the other and to the humanity we can identify in us all. As an introvert, I am comfortable with my own company and with reflecting on my actions. But I am also aware that I am who I am as a result of the thoughts and actions of other people down the centuries and that my future is shaped by my past and present. I am also interested in how reflecting in




the present can change our understanding of the past. We cannot rewrite history but we can identify other aspects of which we had no awareness and we can make links that we had not made before. Thus knowing ourselves is a process rather than a destination.

**Memories become solid when written ink on paper. How important is this to you?**

Yes, the past becomes more real when shaped into a narrative and that is an important aspect of reflection on a life. As I have grown older I have wanted to review my life and I think this is a natural process for those of us who are lucky enough to live into old age. It has helped me to grow in confidence in terms of who I am. However, we also need to remain open to new possibilities and connections that shift the past in different ways so I am wary of declaring one particular story the only possible story that can be told

**In the final part of the first novel we read: "… the**




**future of Malta lay in the hands of those who remained behind…" How do you perceive the Maltese "who remained behind" today in today's multicultural Malta?**

Australia continues to struggle with recognition of First Nations people who were deprived of their land by the colonisers who declared a policy of Terra Nullius wherein the land belonged to no one allowing the coloniser to claim it as their own. Malta is in a different position. Although we have been colonised and influenced by many different powers down the centuries, in recent history Malta has become an independent member of the European Union. Thus, although Malta has a huge diaspora of citizens who left during hard times, it was the ones who stayed behind who managed to shape independence. However, all Maltese are the product of a history of diversity and it is impossible to say who the First Nations people of Malta might be. Recently, considerable energy has been channelled into the quest for "Maltese identity" and sadly this quest has sometimes resulted in a nationalist appeal that excludes and denigrates the other.

**Can you describe a normal day in your life? Who is Josephine Burden as a human being?**

My flat in Valletta overlooks the entrance to Grand Harbour and I spend part of my day sitting at my window watching the harbour traffic and reading. This year has been exceptional in that I have been unable to travel but I have gently established patterns that keep me active and engaged. I walk and swim and have devised a set of home exercises for stretching and strength. I also spend daily time in the common space of the roof establishing a container vegetable garden and this has opened me up to my neighbours even whilst we maintain safe distance. I now take great pleasure in a daily harvest of tomatoes and other vegetables for the table. Strangely, my projects in painting and writing did not come to the fore although I have now started on what I hope will be a final revision of *Middle Sea Dreaming* that includes my experiences during the pandemic. As a human being, I sometimes have surges of anger at the damage that we continue to inflict on our world and I try to live my own life in sustainable ways and take pleasure in small things.

### METAMORFOSI

Ilbieraħ kont gwerrier mimli bil-qilla,
f'kull eventwalità li setgħet ġiet.
Illum l-armi ħallejthom f'ġenb jissaddu,
jinksew bl-għanqbut ta' dak li darba kien.

Ilbieraħ kont vulkan mix-xfar niżbroffa,
bil-lava tinżel taħraq kull fejn tgħaddi.

Illum inbeżżaq bżieq ta' indifferenza
lejn dawk li stmajt u huma ma stmawnix,
ilbieraħ żbaljajt noħloq l-avversarji,
illum matur aktar nagħmel il-ħbieb.

**SALV SAMMUT**
**(minn *Tqanqil*, 2019)**

## BIRŻEBBUĠA MAZ-ZIJA MARÌ - SAJF 1953

### Kitba ta' Carmen Refalo

*Fis-sajf toħodni l-baħar*
*tniżżilni ngħum fil-baxx*
*b'żaqqi tħokk mal-qiegħ*
*ma stajt nitgħallem qatt*

Qabel ma siefret iz-zija Tereż kienet toħodni spiss inċafċaf ir-Ramla ta' San Tumas kif jibda jisħon l-ilma baħar; ziti Marì qatt ma tħajret tiġi magħna.

U z-zija Ċett li kienet toħodni kullimkien dejjem ressqitni lejn il-baħar kemm nixtru l-ħut; qatt ma kellha malja, lanqas libsa bħal tas-Sorijiet, biex tinżel tgħum biha.

U l-istess nista' ngħid għaz-zija Marì; safejn naf jien kuxxtejha qatt ma ħmaru bix-xemx la fuq il-bejt u lanqas f'xatt il-baħar. Niftakarha tgħid li qatt ma kienet telgħet fuq dgħajsa, li marret Għawdex darba biss u li tgħidx kemm kienet beżgħet sakemm waslu bil-vapur.

Kienu ħaduha Xandru tal-merċa u martu Sunta li dak iż-żmien kienet taħdem magħhom. Sunta tant xtaqitha tmur, bħala ħabiba u fl-istess ħin tgħinha bit-tfal, li ziti fl-aħħar qatgħetilha xewqitha. Mart Xandru kienet tirrispettaha daqslikieku kienet ta' ġewwa.

Wara li siefret oħtha Tereż u jien ma kienx baqagħli 'l min joħodni l-baħar, iz-zija Marì għamlet il-kuraġġ u bdiet toħodni Birżebbuġa biex ngħum ġo Pretty Bay. U kien hemm raġuni l-għala kienet għażlet dak il-post.

Għax sirt naf li kif tfarfret u bdiet taħdem man-nies, ziti Marì kienet tmur għand koppja tat-tajjeb mill-Birgu li wirtu post mal-baħar hemmhekk. U matul is-Sajf bdew iniżżluha magħhom kull darba li jmorru xi jumejn Birżebbuġa; kienet l-ewwel darba li ħarġet minn Bormla u gawdiet l-arja tal-baħar f'post fejn is-sinjuri kienu jħobbu jqattgħu il-jiem mimlija sħana tas-Sajf. F'dal-post ta' villeġġjatura kienet tlesti malajr dak li kellha tagħmel. U sadattant il-koppja żagħżugħa kienu jistennewha sakemm tinżel ħdejhom max-xatt. U kif taqsam it-triq u tasal maġenbhom setgħu jinżlu jgħumu u joħorġu kemxejn 'il barra waqt li hi kienet toqgħod tieħu gost



iċċafċaf saqajha fl-ilma. Fl-istess ħin kienet toħdilhom ħsieb il-basket bil-ħwejjeġ ta' fuq u bl-arloġġi u żewġ kotba taħt il-kpiepel fuq wieħed mis-siġġijiet u l-umbrellel kulur ċar għax-xemx, fuq l-ieħor.

Aktarx li għalhekk kienet għażlet li toħodni ngħum f'dik il-bajja għax kienet drat u saret taf il-post; li setgħet tħallini ninżel waħdi fejn il-baħar kien imrammel u baxx.

Kellha ħabta twiddebni mill-jum ta' qabel u twissini biex ma nwebbilx lil xi tifla oħra biex tiġi magħna,

"U ara li ma tgħidx xi ħaġa lil Gerita; dik tosta u tibqa' tibqa' sakemm tgħaddi tagħha," għax żewġt itfal fl-ilma kienu wisq għal ziti.

Għadni naraha minn filgħodu timla l-qoffa; b'xugaman u tibdila ta' taħt għalija, bi flixkun ilma tal-ħġieġ u bott żgħir tal-enemel għal meta jaqbadna l-għatx u platt fond biex ikollha fejn idellek il-ħobż biż-żejt waqt li tkun bilqiegħda fuq wieħed mit-turġien max-xtajta. U fil-qoffa jkomplu jiżdiedu t-tadam, važett biż-żejt u ż-żebbuġ, qratas bil-melħ u l-bżar u nofs ħobża friska bis-sikkina b'kollox magħhom. Wara li titfa' paljazza nadifa u tgħatti kollox il-qoffa kienet tkun lesta tistenniena fuq wieħed mis-siġġijiet fl-intrata.

U fil-basket tad-drapp tiegħi ma kienx jonqos la l-barmil iż-żgħir għal-logħob fir-ramel u lanqas is-salvawomo ħalli żgur nibqa' fil-wiċċ.




Jekk niftakar sew stajna naqbdu l-karozza tal-linja taż-Żejtun li kienet miżbugħa ħamra bil-faxx aħdar, mill-pjazza dritt għal Birżebbuġa. Meta ma nilħquhiex nitilgħu ma' waħda għall-Belt, nieqfu Bir id-Deheb u nistennew li tasal ta' Birżebbuġa biex nirkbu lilha.

Kont inkun fuq ix-xwiek nistennieha ġejja, ċelesti kollha b'faxx aħmar fuq l-abjad li jgħaddi dawra tond minn taħt it-twieqi miftuħin għall-frisk. Kważi dejjem kienet tkun mimlija daqs bajda, bin-nies bilwieqfa; kienet tkun telqet mill-Belt u tidher wara li tkun telgħet l-aħħar biċċa tat-trejqa li kienet isserrep qalb ir-raba' wara li toħroġ minn Ħal Tarxien u tgħaddi minn ħdejn in-niċċa tal-ġebel tal-Madonna Annunzjata.

Mhux l-ewwel darba li l-karozza tant kienet tkun mimlija li s-sewwieq kif jarana jżid fis-sewqan biex jibqa' sejjer bla ma jieqaf. U konna nieħdu r-ruħ malli jidhrilna li ta' warajha kienet tkun ser tieqaf biex jinżlu xi wħud; għax wara nitilgħu aħna u nieħdu posthom x'aktarx bilwieqfa. U ziti kien ikollha żżomm sew mal-bank ta' ħdejha u jien kont indawwar idi ma' djulha waqt li l-qoffa issib ruħha mas-saqajn. Wara n-niżla ta' fuq Għar Dalam naslu l-Qajjenza, nitilgħu sa quddiem il-Knisja ta' Birżebbuġa, ninżlu sax-xatt u tal-linja kienet twaqqafna mal-bajja. U hemmhekk konna nitfgħu l-ankri fl-ewwel taraġ li nsibu għal fuq ir-ramel.

Dat-turġien, wieħed kemm kemm 'il bogħod mill-ieħor, kont issibhom mimlija bit-tfal telgħin u neżlin bil-malji tal-għawm iqattru l-ilma baħar, bit-truf ta' xagħarhom imxarrba u mwaħħla ma' wiċċhom; l-irqaq u l-iżgħar fosthom aktarx jitriegħdu malli jitilgħu fuq ir-ramel. Fil-baxx kien ikun miżgħud bl-ommijiet bilwieqfa fl-ilma, b'id waħda jżommu truf ħwejjiġhom biex ma jixxarbux u bl-oħra jerfgħu ċ-ċkejknin waqt li jżommu għajnejhom fuq il-bqija ta' wliedhom. U z-zija Marì kienet tinżel ixxarrab saqajha bħalhom; bija maġenbha nonfoħ is-salvawomo bħallikieku lesta għall-għawma fit-tul. Kif nintelaq fl-ilma, mingħalija qed inċafċaf kemm niflaħ biex inżomm fil-wiċċ u nimxi imqar ftit 'il barra, erħilha tgħajjatli u twaqqafni fil-pront.

"Dur 'il ġewwa Carm, toħroġx iżjed."

Jaħasra jekk kont indum tliet minuti nonfoħ is-salvawomo kienet twaqqafni wara minuta fl-ilma baħar.

U kont nispiċċa nferfer idejja b'żaqqi nkaljata ġor-ramel; u nieħu pjaċir xorta. Imma maz-zija Marì, kif għandi nintelaq biex ngħum bqajt ma tgħallimt qatt!

Fl-istess ħin bħat-tfal kollha, il-logħob fl-ilma baħar ma kont nibdlu ma' xejn. Għax l-ilma mimli maġija; iġiegħlek taqbdu u ma jirnexxielek qatt. Iħajrek, jittantak u jaħrablek… malli issawtu jaf ixarrbek lura… malli tintefa' fuqu jżommok ħelu ħelu fil-wiċċ sakemm f'daqqa waħda bla ma taf il-għala jbellagħlek boqqa ilma mielaħ. U jaħsdek u jifxlek; jaħraqlek u jagħlaqlek għajnejk, jidħollok ġo mnifsejk u tħossu bħallikieku jitlagħlek sa moħħok. U kif imbeżżgħa titla' bilwieqfa, kważi mitlufa ma tafx fejn int, b'għajnejk imżellġin, b'saqajk tqal fuq ir-ramel ser taqa' u ma taqax, jagħtik li titlaq tibki 'l bogħod minnu. Imma wara li twarrab it-troffi ta' xagħrek li jkunu weħlu ma' wiċċek u tibda tara ċar, tieqaf ħesrem biex tħares lura lejn dik il-wesgħa blu tleqq fix-xemx. U l-baħar jerġa' jgħajjatlek għax bla ma taf xi darba fil-qedem kien postok; u ssib ruħek nieżla lura biex togħla u ċċafċaf ġol-ilma minnufih. Għax fejn trid tmur u ma' xiex tista' tibdlu daqskemm jidhrilna sabiħ; li saħansitra meta jurina kemm għandu rasu iebsa, ħafna drabi lanqas il-kbar ma jemmnuh!

Mhux ta' b'xejn ma kontx inkun irrid nitla' u nibqa' l-aħħar waħda fl-ilma, waqt li t-tfal l-oħra kienu jibdew itertru b'xofftejhom koħol waqt li jien indum kemm indum, kont nibqa' roża daqs qronfla. Imma ziti malli tarani waħdi fl-ilma kienet tkun tridni nitla'; bejn għajta u oħra kont nilmaħha bil-ħobża ma sidirha taqta' kisra wara l-oħra, iddellek it-tadam, tiftaħ il-vażett, troxx il-bżar u l-melħ… u kif nara li tkun lestiet kont noħroġ mill-ilma minnufih.

Sadattant lil ziti, dil-mawra ħdejn il-baħar bdiet togħġobha u minflok darba kull ħmistax bdejna niġu kull ġimgħa. Mhux hekk biss, imma waslet biex tibda tvarja l-menù; mhux dejjem ħobż, żejt u tadam bdiet iġġib. Daqqa kienet tlesti u taqli xi żewġ frejjeġ tal-bajd qabel ma nitilqu jew saħansitra tgeżwer xi biċċtejn torta tal-laħam milli tkun warrbet fil-jum ta'

qabel. U spiċċat iġġib xi żewġ qatgħat għaġin il-forn jew skutella mimlija laħam u patata l-forn; allavolja kesħin kienu jinżlulna għasel.

Dak iż-żmien ħadd ma kien jistħi jiekol barra; anzi ħdejn il-baħar konna mmorru biex niftħu l-aptit. U għadna nagħmlu hekk sal-lum.

Jum minnhom kmieni filgħodu, qajmitni r-riħa tfuħ tal-ikkapujat qed jinqela; qomt, dħalt fil-kċina u sibt liz-zija Ċett qed titfagħlu il-biċċiet tad-tadam miegħu. Fuq il-mejda kien hemm xi sitt brunġiliet maqsumin minn nofs maġenb in-nofsijiet tal-patata mqaxxra; u ndunajt! Iz-zija Ċett kienet qed tlesti l-brunġiel mimli l-forn biex twarrbilna minnhom għal 'Pretty Bay'. U riedet toħodhom kmieni għand il-forn ta' Barbetta; b'hekk sal-ħdax ta' filgħodu, kif naslu biex nitilqu kienu jkunu lesti.

Dakinhar kif konna Birżebbuġa kelli mitt sena niekol għax ir-riħa tal-brunġiel setgħet tinxamm minn ġol-baħar; ngħiduha kif inhi, ma kontx 'il bogħod mix-xatt. Min jaf x'aptit qabbdithom lit-tfal l-oħra li bdew iħarsu l-ħin kollu lejn il-qoffa. Wara kollox il-borma tal-ġar dejjem tfuħ aktar minn tad-dar; u kellhom raġun jitħajru għax l-ikel beda jfuħ tassew.

Mela kif wasalt biex nitla' rajtha bħas-soltu ser tibda toħroġ l-ikla minn ġol-qoffa; imma reġgħet waqfet, għajtitli u waqt li bdiet tlibbisni dehret inkwetata.

"Carm ara x'ġarali… insejt inġib il-ħobż; issa x'ser nagħmel… qomt kmieni qabel Ċetta u għalxejn għentha tlesti qabel is-soltu; jaħasra ma kelli ebda għaġla u xorta nsejt il-ħobż. U ma jkunx fih gost jekk nikluh b'xejn… imma x'fettilli nsejtu! Oqgħod stennieni u tqumx minn hawn… ħa mmur insaqsi jekk hawnx xi ħadd ibigħ il-ħobż. Tiċċaqlaqx minn fuq dat-taraġ."

Iz-zija Marì nsiet il-mistħija kollha li kellha u baqgħet baqgħet sakemm għamlet wiċċha; marret issaqsi lil żewġt irġiel li kienu qed jitkellmu ħdejn ħanut mal-faċċata l-oħra. Minn wiċċha mal-ewwel indunajt li kien kollu ta' xejn; kien sar il-ħin biex issib tixtri l-ħobż, kienu qalulha dawk l-irġiel. U kellna nieklu l-brunġiel mimli u l-patata l-forn bla ħobż! Kemm kienet inkwetat z-zija Marì; xtaqet tibki bid-dispjaċir u damet issemmiha ħajjitha kollha.

Ma kenitx taf kemm-il kalorija fiha biċċa ħobż maqtugħa ħoxna pulzier! U għall-kisra kont niekol tnejn; ridt naqsam il-bajja bl-għawm minn naħa għall -oħra biex forsi kien jirnexxili naħraqhom.



Madankollu dak iż-żmien ma konniex għadna smajna dwar hekk; iz-zija Marì kien moħħha tarani nikber b'saħħti u f'aptiti; ma mmurx nerġa' nimrad.

U tgħidx kemm kienu jħabbtuli u jbellgħuli flippijiet bl-isfar tal-bajd, miżjuda biz-zokkor ma' tazza ħalib u kuċċarina whisky. Ħeq... il-flipp kien moda dak iż-żmien. U lili kien jogħġobni.

Għal ziti qatt ma kont *overweight* imma mibruma u mbaċċa; allaħares kienu jisimgħu lil xi ħadd jgħidli 'ħoxna' l-aktar jekk kien ikun xi gattarell! U l-barma li kelli kienet meqjusa bħala saħħa; zijieti ma kinux joħolmuha li jarawni nogħlob. Kieku kienu jiġru bija għand l-aqwa professuri!

**GLUE**

You snapped the glass back into place,
returned my specs and said:
*All you need now is glue.*

That was some days ago. The glass
is still in place. I still see clearly
but haven't yet received a call from you.

Where else does one find glue?

**MARIA GRECH GANADO**
**(minn *Ribcage*, Minima, 2003)**

**F'DIS-SIEGĦA SEWDA...**
**Novella ta' Joe Camilleri**

F'dis-siegħa sewda, kemm iżjed mis-soltu jinħass sieket dal-post sepulklari sielem! Sensiela ta' fosos imfassla bl-istess qies. Imħarsa minn sriebet ta' slaleb. Imsieħba minn siġriet skuri sentinelli fis-sirda kiesħa. Għassiesa biex ebda pass ma jdarras nifs is-sliem. Lanqas tpespisa t'għasfur ma tikser dis-sikta.

Waħedna hawnhekk f'dis-siegħa sewda! F'dal-post tal-mistrieħ, jien u int, u tlieta min-nies oħra li donnhom fuq ix-xwiek, bla sabar jistennew li jwettqu xogħolhom ħa jdabbru rashom.

Kemm hi silenzjuża din is-solitudni!

Mismutin ukoll konna f'jum ieħor iswed, żmien twil twil ilu. Jien u int. Il-qassis mifxul kien qisu kellu l-labar. Jibża' jiftaħ ħalqu x-xhud ħabibek li ġibt miegħek. U x-xhud tiegħi, is-sagristan nofs ras li qabbadnieh f'dak il-waqt stess għax ħadd minn niesi ma ried li jkun preżenti. Minħabba l-mistħija jew inkella bi protesta talli jien kont webbist rasi u ridt li għal dejjem inkun is-sieħba tiegħek.

Kemm skura u mudlama kienet dakinhar is-sagristija! Kemm simetriċi dehru l-kaxxarizzi! Panewijiet rettangolari mqiegħda b'ordni fuq xulxin, bil-pilastri spazjati bejniethom, dritti dritti. U jien u int maġenb xulxin inwiegħbu taħt l-ilsien is-signor si. Kien kessaħna s-skiet tal-iskumdità. U kebbitna aktar fis-silġ l-imġiba bierda tal-qassis xwejjaħ li għaġġel redden il-kliem ritwali taċ-ċerimonja. U mbagħad dabbar rasu 'l hemm bla lanqas kellu l-ħila li jsellmilna, jifirħilna jew jixtiqilna d-dawl tal-hena.

U qalbna kienet bkiet f'dik l-għodwa kiebja għax konna bqajna mwarrba u minsija minn dawk li minn ċkunitna konna trabbejna magħhom u ħabbejna. Emarġinawna u iżolawna. L-isbaħ jum ta' ħajjitna kienu għamluhulna ġrajja ta' regħxa, ta' mistħija. Bilkemm mhux ta' kundanna.

Għax dak iż-żmien, ismek, maħbub, - u tiegħi miegħek - kien imċappas mal-klikka li qanqlet l-ilma qiegħed u heżżet it-tradizzjoni rriġimentata minn snin ta' jdejn felħana u minn irjus baxxuta. Int dhert tisfida s-setgħa u taqbeż il-limiti tan-normi ċirkulari stabbiliti. U jiena miegħek għax imħabbti dejjem ġarret lil moħħi u 'l qalbi fid-dell tiegħek. Jien dejjem rajt id-dehwa tilma f'għajnejk sbieħ. U għalhekk ħassejt ukoll bis-sħiħ dak kollu li emmint



int. Imma dawk in-nies ta' ilu riedu lil kulħadd b'moħħ ta' imħara, jew inkella li kulħadd ixidd kappestru wieħed.

Kien żmien ta' firda. Siegħa ta' dalma meta ħafna Maltin refgħu salib xulxin. Mhux biex bħal Ċirinew iħaffu l-piż tat-toqol tat-tbatija, imma biex ikiddu u jsammru lil xulxin. Kien hemm min ħaqqaq li kliemu kellu l-kmand u d-dawl dommatiku. Li kulħadd kellu jitqassas minn pezza waħda b'tifsila unita li timxi f'linja dritta bla tgħarbil ġdid, bla kompromessi.

U int, maħbub, kont dejjem taqra u tixtarr għerf il-kotba tal-filosofiji u tax-xjenzi l-ġodda. Segwejt l-ilwien iperpru tal-avangwardja. Għammxek id-dawl tad-dinja l-ġdida. Forsi għalhekk fl-għeluq ta' din il-gżira rawk perikoluż. Għax ma fehmukx. Ħsibijietek perriċthom f'kitbietek. U l-abjad fuq l-iswed tiegħek kien sfida ċara u sfaċċata. Forsi għalhekk ippersegwitawk minn wara dahrek u fid-dieher għax qatt ma ġerrħu dak li ħammem moħħok.

F'dik is-siegħa skura ta' fehmiet opposti, flok ftaħna l-bieb għad-djalogu, għad-diskussjoni u għat-tberrin taħt il-qoxra tal-wiċċ, barrejnieh u tbaqnieh sewwa. Dejjem hekk konna; flok nifthu t-twieqi biex jgħaddi r-riħ u jitlef saħħtu, insakkruhom sew u ninħbew għar-rdoss u l-kumdità tal-kenn. U meta r-riħ

għelibna u nifed ġewwa, ħasditna r-reżħa li kaxkritna. Illum, inħares lura b’sodisfazzjoni għax tal-anqas kellek ix-xorti li rajt iseħħ dak li ħlomt, għalkemm int ukoll inħsadt u tmeżmiżt meta rajt li l-ħabel kien skappalna, u li minn tarf estrem, pajjiżna ġera lejn estrem ieħor.

F’dik is-siegħa skura konna ġarrabna u batejna bla bżonn. Ma kienx hemm ħtieġa li bejn l-aħwa nħossu l-kesħa tal-ħitan għoljin tal-firda.

U bħalissa qegħdin inġarrbu reżħa ta’ firda oħra. Virus qerried qasqsilna l-ġwienaħ u rabtilna jdejna. Sakkar wara bibien magħluqa lil ħafna minna, u firex faxxa sewda ta’ vistu fuq id-dinja. Għadu sieket inviżibbli li jinfed pulit pulit. Ġabilna persekuzzjoni li hi siekta daqskemm hi storbjuża fil-garigor ta’ moħħna.

U llum, bħal f’dik is-siegħa skura ta’ snin u snin twal ilu, ġejna waħedna f’dan l-imkien solitarju. Jien u int. Jien issummata bla kliem fuq xofftejja. U int stendut ħiemed għal kollox. Magħna, skont id-direttivi li ħarġu f’din il-pandemija, għal dar-ritwal hawn nies mill-anqas. Dal-qassis żagħżugħ liebes il-maskra qiegħed jgħaġġel igedwed it-talb tal-aħħar.

Issa telaq bla kliem u bla kondoljanzi qisu mirgħux u mifxul wara ċerimonja li kellha ssir ta’ suq u mexxi. Lanqas illumu. Bagħtuh minn raħal ieħor. Lilna ma jafniex. Dawk li kienu jafuna, jew diġà baħħru, jew inkella jinsabu kwarantina obbligatorja minħabba l-età u l-kundizzjoni fiżika tagħhom. Anki d-deffiena għaġġlu għalqu u kaħħlu l-kaptelli. Għalihom, dil-ġrajja ta’ kuljum hi rutina regulari li minħabba l-imxija ħaffet il-proċess tagħha.

Ftit tal-ħin ieħor, u jien ukoll ikolli nitlaq u għall-ewwel darba f’ħajti, inħallik waħdek. F’das-skiet etern. Isabbar biss il-Kurċifiss b’ġismu misluħ fuq is-salib. Dirgħajh imberrħa biex iħaddanna għax il-Bniedem-Alla jifhem sew lil min jissallab bħalu għall-irġulija u l-ġustizzja tiegħu. Iħares bi ħniena u b’maħfra lejna li ġieli żżarġnajna, u lejhom li darba ilu ilu nifdulna l-kustat biex minnu ħarġet karba ta’ weġgħa.

Strieħ fis-sliem, sieħeb ta’ ħajti!

## L-ITTRI

### Rakkont ta’ Charles Casha

Ftit ’il bogħod minn fejn konna noqogħdu hemm triq dejqa li kulħadd jafha bħala l-Isqaq. Fl-Isqaq hemm għadd ta’ djar, kollha żgħar u x’aktarx mudlama. Kull meta kont ngħaddi minn hemm, kont nara lin-nies li kienu jgħixu f’dawk id-djar bilqiegħda fuq it-tarġiet ta’ barra, biex jieħdu l-arja u jgawdu d-dawl li xi ftit jew wisq jidħol minn bejn il-ħitan għoljin tal-Isqaq. Lil dawn in-nies, għalkemm qatt ma kellimthom, kont sirt nafhom, kif jgħidu, minn wiċċhom.

Fost dawk li kienu jgħixu fl-Isqaq, kien hemm wieħed xiħ li kien iqanqal fija kurżità kbira. Meta kont immur nara xi film tal-aħħar, kont inħobb ngħaddi minn hemm biex inqassar u mhux l-ewwel darba li kont nara lil dan ix-xiħ bilqiegħda jaqra xi ittri għad-dawl tal-lampa tal-pitrolju. Darba waħda kont ġej mill-Belt u kif wasalt quddiem il-bieb tad-dar fejn kien joqgħod ix-xiħ, fettilli nieqaf u noqgħod inħares lejh ħalli nara sewwa sew x’kien qed jagħmel. Billi x-xiħ kien jgħix waħdu, kien iħobb iħalli l-bieb miftuħ u jżomm l-antiporta magħluqa biex il-ġirien ikunu jistgħu jittawlulu.

Qgħadt inħares lejh, narah jaqra dawk l-ittri, waħda waħda b’għożża liema bħalha. Kif ilesti minn waħda, kien jitwiha, ibusha u jqiegħda f’kaxxa tal-landa. Għalkemm ma kien jidher ħadd barra, ma stajtx noqgħod hemm għax xi ħadd seta’ jaħseb ħażin fija. Kelli xewqa kbira li xi darba nieqaf u nkellmu. Xtaqt insir naf min kien u għala kien joqgħod jaqra dawk l-ittri. Għaddejt kemm-il darba mill-Isqaq iżda qatt ma waqaft biex inkellem lix-xiħ. Tħajjart kemm-il darba kieku, imma malajr kien jerġa’ jibdieli. Kont insibha bi kbira biex nistaqsih x’kienu dawk l-ittri.

Kien is-sajf, tard filgħaxija u kont sejjer lura d-dar. Kif kont għaddej mill-Isqaq, waqaft quddiem id-dar tax-



xiħ. Hemm kien, b'dawk l-ittri quddiemu fuq il-mejda u dik il-kaxxa tal-landa maġenbu. Imma rasu kienet mixħuta 'l isfel fuq il-mejda, donnu li kien raqad waqt li kien qed jaqra dawk l-ittri. Il-lampa kienet qiegħda tnemnem, donnha se tintefa l-aħħar.

Bħalma ġrali drabi oħra, ġietni ħajra li nkellmu. Din id-darba ma reġax bdieli. Kont deċiż li naqta' l-kurżità li kienet ilha tkiddni x-xhur. Għamilt ftit kuraġġ u ersaqt lejn il-bieb. Tektikt bil-mod fuq l-antiporta biex ma naħsdux. Imma x-xiħ ma ċċaqlaqx. Erġajt tektikt fuq il-ħġieġ, din id-darba b'aktar qawwa. Imma ma kelli l-ebda tweġiba. Meta ħabbatt għat-tielet darba b'aktar qawwa, u x-xiħ baqa' ma ċċaqlaqx, bdejt ninkwieta. Ħarist madwari biex nitlob l-għajnuna iżda ma kien jidher ħadd. Donnu li dakinhar kulħadd kien ġa daħal f'soddtu għalkemm kien is-sajf. Fl-aħħar qtajtha li nħabbat lill-ġar tiegħu. Fetaħ wieħed raġel li kien fih m'ogħla hawn. Kien liebes qalziet qasir aħmar u flokk ta' taħt biċ-ċingi b'toqba kbira fin-nofs.

"Xi trid?'' staqsieni kważi bil-herra.

Meta għedtlu għala kont ħabbattlu, qalli, 'Ġej. Stenna ftit.'

Daħal ġewwa u ftit wara reġa' lura liebes qmis u qalziet ieħor ftit itwal minn dak l-aħmar li kellu qabel. Mar quddiem id-dar tax-xiħ u beda jipprova jiftaħ l-antiporta, iżda din kienet imsakkra bil-firroll.

"Aħjar tmur għall-pulizija,'' qalli. "Jien nistenniek hawn. Taf fejnha l-għassa?"

"Iva," weġibtu u tlaqt minn hemm biex infittex inġib l-għajnuna. Sibt kuntistabbli qiegħed jongħos wara l-iskrivanija u għedtlu b'kulma kien ġara. Mingħajr telf ta' żmien, dan tefa' l-beritta f'rasu, għalaq l-għassa u tlaqna b'pass mgħaġġel lejn l-Isqaq.

Il-kuntistabbli żgassa l-antiporta u baqa' dieħel ħdejn ix-xiħ.

"Ħassu ħażin," smajtu jgħid. "Aħjar inċemplu għall-ambulanza. Oqogħdu ftit miegħu sakemm immur nċempel mill-għassa."

Dak iż-żmien ftit nies kellhom it-telefown id-dar.

Kważi kważi f'qalbi bdejt nisħet il-mument li fettilli nieqaf dakinhar. Ftit ftit bdew jinġabru l-ġirien u meta waslet l-ambulanza, ġa kienet inġabret ġemgħa nies. Minn dak li beda jingħad, sirt naf li dak ix-xiħ kien jismu Bastjan u li kellu fuq is-sebgħin sena sewwa.

Ftit xhur wara kont qiegħed il-Belt ma' xi ħbieb tiegħi u resaq fuqna żagħżugħ li mid-dehra kien jaf lil xi ħadd mill-grupp li konna niltaqgħu regolarment l-Belt fi Strada Rjali (kif konna nafuha dak iż-żmien) u qabad jitkellem magħna. Ftit wara ddeċidejna li nidħlu fil-bar ta' każin tal-banda u nieħdu flixkun birra.

Jien u hu qbadna nitkellmu u kif jgħidu, Malta żgħira u n-nies magħrufa. Skoprejt li dan iż-żagħżugħ kien jiġi xi ħaġa minn dak ix-xiħ tal-ittri li kien joqgħod fl-isqaq.

"Dinja żgħira," qalli dak. "Mur obsor li kelli niltaqa' miegħek!"

U mingħandu sirt naf x'kienu dawk l-ittri li ta' kull filgħaxija dak ix-xiħ kien joqgħod jaqra fil-kamra għad-dawl tal-lampa.

"Bastjan kien għamel żmien twil imsiefer. Tista' tgħid telaq minn hawnhekk kif iżżewweġ u baqa' dejjem isiefer sakemm irtira. Kien jiġi ta' sikwit u jqatta' xi ftit ġimgħat mal-familja. Martu kienet tiktiblu u tirrakkontalu dak kollu li kien jgħaddi mingħaliha u minn uliedha meta hu ma kienx ikun hawn. Dawk l-ittri kien żammhom kollha u meta ġie lura lejn Malta, ġabhom kollha miegħu. F'dawk l-ittri kien hemm it-trobbija ta' wliedu u l-ħajja miżżewġa li hu qatt ma għex. Ftit wara li rtira hawn Malta, martu mietet u meta kibru, uliedu bdew jitilqu wieħed wieħed lejn l-Awstralja. Ix-xiħ baqa' waħdu, ġo dik id-dar ċkejkna, jgħix l-imgħoddi permezz ta' dawk l-ittri li kienu għalih ir-rabta mal-familja, ir-rabta mal-imgħoddi. L-akbar dispjaċir li kellu f'ħajtu kien li qatta' dawk is-snin kollha mbiegħed minn martu u wliedu. Għalhekk dawk l-ittri kienu tant għeżież għalih.''

Xi ġimgħa wara li sirt naf bl-istorja ta' Bastjan, kont għaddej minn quddiem id-dar tiegħu. Il-bieb kien miftuħ bħas-soltu. Bastjan kien ġie lura mill-isptar. Hemm kien, bilqiegħda mal-mejda b'dik il-kaxxa bl-ittri quddiemu, jaqra ittra wara l-oħra b'għożża kbira u forsi wkoll b'sens ta' ħtija li qatta' daqshekk snin 'il bogħod mill-familja.

**(addattata mill-ktieb *Mit-Toroq tar-Raħal* ta' Charles Casha)**




**GĦAŻIŻA KARMEN... jiena... Dun Karm!**

**Apprezzament ta' Victor V. Vella**

Kien ilni ma narah. Naf li l-aħħar li rajtu ma kienx fih wisq. Imma kif kien imħaxken ma' żewġ ġganti kompla nixef. U ma stagħġibtx li ma stajtx narah u għedt 'tliftu' għax la ddum ma tara jew tiltaqa' ma' xi ħaġa jew ma' xi ħadd tibda tinsieh lil dak li jkun. U dak li jkun idub u kultant f'mumenti ta' kwiet jerġa' jfiġġ fil-memorja.

Minn hekk għadda l-ktieb li fih 'ĠABRA TAL-ITTRI TA' DUN KARM lit -tfajla Karmen Micallef Buħaġiar.' Ħadt pjacir li erġajt rajtu għax l-ittri ta' nies prominenti u ta' awturi dejjem jistgħu jitfgħu dawl ġdid jew almenu dawl ieħor fuq il-kitba stess, fuq iż-żmien li nkitbu u wkoll għax l-ittra tant hi persunali li tidħol iżjed fil-fond u turi l-awtur x'kien jaħseb u kif kien jara jew iħares lejn id-dinja. Iżjed u iżjed meta ittri bħal dawn ma tantx għandna bil-Malti jew fl-istorja ta' Malta u tal-letteratura tagħha. Nissogra ngħid li ftit li xejn għandna ittri fejn l-awtur jew l-awturi jiftħu qalbhom f'ittri għall-publikazzjoni biex juru jew jikxfu l-ħsibijiet tagħhom minn fejn ġew u kif twieldu u żviluppaw.

Dawn l-ittri huma iżjed prezzjużi għax huma bejn minn huma u li ma kinux miktubin biex jiġu ppublikati. Allura tistenna iżjed intimità, u ftuħ il-qalb u l-ħsibiijiet profondi li ġeneralment mhumiex ta' min jiktibhomi iżjed u iżjed jippubblikahom għax ikunu moħbijin fis-sajki (psyche) ta' dak li jkun. Fil-każ ta' dawn l-ittri hemm in-nuqqas tan-naħa l-oħra, ta' kif irrisponda jew f'dan il-każ kif laqgħet u rrispondiet jew ikkummentat Karmen fuq l-ittri li rċeviet. Jiġifieri l-ktieb jikkonsisti, kif spiega tajjeb fl-introduzzjoni interessanti il-Profs. Oliver Friggieri li ġabar dawn l-ittri, f''one way traffic'. Iva għandna l-pinna ta' Dun Karm imma ta' Karmen ma għandna xejn għax l-ittri li kitbet intilfu. Hemm il-fatt l-ieħor, dak taż-żmien li kien u t-taħwid tal-ħajja fosthom dik tal-posta bejn tas-Sliema u Lixandra fl-Eġittu u Londra fl-Ingilterra .

Wieħed mill-aspetti importanti tal-ittri ġejjin minn fejn ġejjin u kitibhom min kitibhom huma d-dati ta' meta nkitbu. Iva hemm l-istorja se nsejħilha uffiċjali fil-kotba ta' x'ġara u ma ġarax imma f'ittra għandek issib kif din l-'istorja' jew il-*history* laqtet lil dak jew dik li tkun. Id-data tal-ewwel ittra hi 6-VI-40 li għal min nesa n-numri Rumani tigi s-sitta ta' Ġunju tal-1940. Dik id-data hi importanti għax id-dinja jew aħjar ngħid l-Ewropa kienet diġà ħasset l-ewwel attakki tat-Tieni Gwerra Dinjija. L-aħħar ittra ħarget mill-Isptar tal-Blue Sisters fid-19 ta' Lulju 1961. F'kelma waħda hemm medda ġmielha ta' zmien, ta' avvenimenti storiċi speċjalment mill-gwerra għall-paci biex ma nsemmix il-Gwerra l-Bierda jew kiesħa u li ċ-ċkejkna Malta stess ħasset mhux biss il-gwerra imma t-taqlib ta' wara.

Mhux għax Dun Karm jikkoncentra ħafna fuq l-istorja kurrenti ta' dak iż-żmien. Iżjed aċċenna għalih u f'dawn l-ittri iva tħossha l-istorja għax jalludi għaliha imma ma joqgħodx jiddeskrivi x'kien qiegħed jigri. Il-film tal-istorja biex ngħid hekk għaddej bħala background. Iva qiegħed hemm. Imma Dun Karm ma jiffokax fuqu. L-awtur jiffoka l-iżjed fuq is-sentimenti, fuq kif jaħsibha personalment u jesprimihom b'ċerta kunfidenza u ċerta libertà iżjed u iżjed meta ma kienx hemm ħsieb ta' pubblikazzjoni.

Mingħand bniedem u saċerdot bhal Dun Karm, tistenna li tidħol ir-reliġjon u l-ispiritwal imma dawn iva jħawru l-ittri imma ma jeħdux iċ-ċentru tal-palk:

iżjed qegħdin u jissemmew wara l-kwinti. Iżjed hemm emfasi fuq il-fatt u l-importanza tat-talb mhux f'xi priedka jew paneġierku imma xi ħaġa bhal din li ġejja, fil-qosor, li nsibu f'waħda mill-aħħar ittri li kiteb. Ma fihiex data imma skont il-Profs. Friggieri din inkitbet fit-8 ta' Frar tal-1961 li tispicca hekk: 'Itlob lil Ġesù u lil Marija li jgħinuni biex ngħix erbat ijiem oħra u...' li tista' tgħid hu t-ton religjuż tal-konklużjoni ta' kull ittra .

Qabel din il-parti fl-istess ittra nsibu din is-sentenza: 'Jisgħobbija li jiena llum inħossni tlift wisq mill-intelligenza u mill-memorja u donni qiegħed ngħix bl-amment.' Ma naħsibx li hemm bżonn ta' kummenti u emfasi li Dun Karm kien xjieħ u beda joqrob lejn it-tmiem. Fil-fatt Dun Karm ħalliena tmien xhur wara.

Fl-introduzzjoni ta' Friggieri nsibu iżjed dettalji eżatti fuq l-istorja u wkoll fuq il-ħajja ta' Dun Karm u wkoll fuq il-ħajja ta' Karmen. Pereżempju, insibu li dawn iż-żewġ persunaġġi qatt ma ltaqgħu jew raw lil xulxin u b'danakollu baqgħu jiktbu lil xulxin u jaqsmu ftit mill-ħajja għal dawk is-snin kollha.

Ta' interess f'din il-korrispondenza hu li jgħinna b'xi mod biex napprezzzaw iżjed u nifhmu il-poezija imma fuq kollox li joħroġ il-fatt li l-poeta hu bniedem ukoll. Jiġri kultant li nies bħal kittieba, poeti, filosofi u l-bqija, inpoġġuhom fuq pedestalli għoljin u donna ninsew li huma wara kollox nies tad-demm u l-laham. U dan hu l-element l-ieħor b'saħħtu li nsibu f'dawn l-ittri. Hemm sentimenti umani bħal ċerta ġibda iva platonika bejn wieħed u waħda li twassal lil wieħed li jbexxaq ftit il-bieb u juri xi jħoss. Hemm ukoll espressjoni dwar l-inkwiet fil-ħajja, gwerra, u xjuħija, u l-bqija. Insibu wkoll is-sens qawwi ta' patrijottiżmu u ta' mħabba lejn in-natura u r-reliġjon li jilagħbu parti kbira fil-poeżija ta' Dun Karm. U l-poeta ma jonqosx li mingħajr ma jrid ifakkarna li hu poeta għax mingħajr sforz fl-ewwel ittra stess jikxef is-sengħa tiegħu billi fl-ewwel paragrafu nsibu: "Qed narak xbejba mibruma, qamħit-il-lewn, milwija fuq il-mikteb tiegħek imħeġġa, mixgħula f'wiċċek, tfittex fil-ħsieb l-isbaħ u l-oħla kliem."

Insibu wkoll f'rokna żgħira l-apprezzament tal-unuri mhux bit-tixjir tal-bandieri imma f'ċertu umoriżmu u wkoll bl-attitudini ta' Dun Karm lejhom fejn fl-aħħar ittra, dik tad-19 ta' Lulju tal-1961, insibu dan il-vers: 'Grazzi (Karmen) tal-ittra mimlija b'rispett u bi mħabba lejn... Dun Karm Psaila... Doctor Litterarum.'

## BANK VOJT

### Kitba ta' Vanessa Fenech

Settembru reġa' wasal! Is-sħab griż u t-tektik tax-xita mat-tieqa kienu l-ewwel sinjali li bdiet il-ħarifa. Għalina t-tfal dan kien ifisser li se tibda l-iskola. Wara l-btajjel tas-sajf kont inkun ħerqan biex nerġa' niltaqa' ma' sħabi. Ikolli nistqarr li t-tbissima mistħija ta' Kokkla kienet tkun mistennija.

Wara t-talba ta' filgħodu, erħili nħaffef il-pass sabiex il-bank ta' warajha ma jeħoduli ħadd. Mhux l-ewwel darba li l-għalliem kien jaqbadni mitluf nipprova ngħodd kemm għandha nokkli. Kien ikemmex xofftejh u jien dlonk kont ngħaddas rasi fil-ktieb u nagħmel tabirruħi li qiegħed naqra. Dakinhar matul it-talba ta' filgħodu, Kokkla ma dehret imkien. Dħalna fil-klassi u għall-ewwel darba f'sitt snin, il-bank ta' quddiemi kien vojt. Bdew għaddejjin il-ġranet u kuljum kont nittama li nisma' b'aħbarha. Iżda bqajt bir-riħa għax qisu kulħadd kien nesa li fil-klassi hemm waħda minn sħabna nieqsa.

F'leħħa ta' berqa waslu u għaddew kemm il-btajjel tal-Milied u kif ukoll dawk tal-Għid. Ma kien hemm l-ebda ħjiel dwar Kokkla. Baqa' jberren il-ħsieb x'seta' sar minnha u flimkien mal-ħsibijiet għatxana li nerġa' niltaqa' magħha daħlet ir-rebbiegħa li bħal kull sena kienet iżżewwaq il-bitħa tal-iskola bl-isbaħ fjuri. Kont l-għaxqa tiegħi noqgħod bilqiegħda fil-ħoġor tat-tieqa nara l-friefet itiru minn fuq fjura għal oħra, sakemm darba daħal is-surmast għal għarrieda fil-klassi u bl-herra wissieni biex ninżel minn hemm. Hu dlonk issokta jgħid li Kokkla kienet ġejja lura. Il-ġimgħa ta' wara kif xirfet fil-bieb tal-klassi nħsadt, bilkemm għaraftha. In-nokkli? ... u n-nokkli x'kien sar minnhom? Qishom qatt m'eżistew. Xagħarha issa kien qasir sew, lixx u ħafif.

Tgħid għadha jisimha Kokkla?!




***TARĊISJU ZARB – STUDJI KRITIĊI, L-EWWEL VOLUM*, ta' Andrew Sciberras, paġni 358, stampat Progress Press, 2020**

### Reċensjoni ta' Tarċisju Zarb

Personalità unika fil-qasam tal-ktieb Malti huwa mingħajr dubju ta' xejn Dr Andrew Sciberras – awtur ta' valur huwa nnifsu, imma li jmur aktar minn hekk. Huwa jara kif jagħmel, biex mingħajr daqq ta' trombi, jara kif isostni l-kitba Maltija fl-aspetti varji tagħha, b'mod speċjali f'dawk li għandhom x'jaqsmu mal-letteratura u l-analiżi tagħha. Dan tiegħu huwa perkors uniku, għaliex f'ħidma kontinwa u mingħajr ma jitlob xejn lura, huwa jara kif jagħmel kif jivvalorizza personalitajiet distinti fil-qasam tal-kitba.

Poeta, u awtur prolifiku huwa nnifsu, għal dawn l-aħħar snin huwa għadda biex jiddivulga – ixerred – kitbiet ta' xeħta kritika-analitika varja, kif ukoll kitbiet ta' letteratura li titob ċertu impenn, bil-għan li jwassal dawn il-kitbiet lil dawk li fi żmienna jeħtiġuhom, japprezzawhom, u huma wkoll parti intrinsika mill-kisbiet intellettwali ta' pajjiżna. F'dan l-itinerar tiegħu, għaldaqstant huwa jlaqqagħna ma' personalitajiet varji fosthom Oliver Friggieri, Mario Azzopardi, Charles Briffa, Achille Mizzi, u oħrajn. Huwa ma jiqafx sempliċiment fil-ġbir u l-għażliet li huwa jagħmel b'ħila u bi preċiżjoni, imma jagħraf ukoll kif isawwar impaġnar ta' kotba li jagħmlu ġieħ lill-istandard tal-ktieb Malti.

Din il-vokazzjoni ta' Andrew Sciberras hija vokazzjoni unika. Fi żmien, fejn kollox huwa mmexxi mill-motiv tal-qligħ akkost ta' kollox – bħal qisu l-uniku motiv hu dak tal-profitt – Andrew jagħmel dan b'impenn, b'għoġba u ħila, għax jemmen f'dak li qiegħed jagħmel. Huwa l-iskular uniku, li ma jiqafx biss fuq il-kitbiet tiegħu, imma ħsiebu u ġmielu hu li jsostni kittieba oħra Maltin, li b'xi mod għenu biex jinbena l-ħsieb Malti fil-qasam tal-akkademja. Dan l-impenn ta' Andrew Sciberras, hu impenn uniku – impenn li huwa jagħmlu b'ħila, eżattezza, insistenza u konsistenza. U ta' dan wieħed għandu jkun rikonoxxenti.

Ma ssib l-ebda bniedem ieħor li jidħol hu personalment biex minn flusu, jasal biex joħroġ kotba, li minnhom m'hemmx qligħ, imma li huwa jemmen, li huma ta' ħtieġa kbira biex jissawwar l-ethos akkademiku-intellettwali ta' gżiritna, b'mod speċjli, imma mhux biss fejn jidħol l-ilsien Malti. Il-kitbiet li jdomm, jiġbor u jeditja b'ħila, sabar u għaqal, huma uniċi u jirriflettu spirtu uniku fil-qasam tal-ktieb Malti. Huwa jimpaġna, isawwar u jibni l-ktieb b'impenn, biex b'hekk il-kittieb Malti, jew forsi aħjar il-ħsibijiet fuq il-ħsibijiet/id-discourses li qegħdin jinbnew fi lsienna jiksbu realtà ġdida.

Hawnhekk, għaldaqstant insibu tipi ta' narrattività li titkellem fuq narrazzjonijiet/poetiċitajiet li huma uniċi, għaliex fihom insibu analiżijiet profondi fuq xogħlijiet li bnew lir-ruħ Maltija. Dan hu xogħol uniku, għaliex dan hu xogħol tal-lingwa fuq il-lingwa, tal-kritika fuq il-poeżija, tan-narratoloġija fuq l-istess narrattività Maltija. Bħala skular-poeta-filosfu, Andrew Sciberras daħal għal din il-biċċa xogħol unika, li nemmen li għandha tiġi ppromulgata, u mogħtija kull għajnuna. Irridu nżommu f'moħħna, wara kollox, li ħafna mill-kurrikula tal-iskejjel tagħna huma mibnija sewwasew fuq din it-tip ta' narrattività – fuq il-ħsieb analitiku-kritiku. Dan jgħodd għal suġġetti bħalma huma l-Malti, it-Taljan, l-Ingliż, il-Franċiż, is-Soċjoloġija, il-Psikoloġija, il-Filosofija u l-Istudji Ambjentali. Hawnhekk, għandna kittieb-poeta uniku li għaraf din il-lakuna fil-qasam tal-ktieb Malti, u daħal b'ruħu u b'ġismu biex jagħti l-valur mistħoqq lil kittieba varji, iżda bl-iskop li




bħala għalliema, professuri u nies impenjati fil-ħsieb nagħrfu napprezzaw u nfanndu fil-ħsieb kritiku-analitiku.

Irridu nżommu f'moħħna li l-ħsieb kritiku-analitiku huwa għodda ewlenija u ta' ħtieġa kbira f'dawn iż-żminijiet fejn il-qoxra tal-wiċċ mhux qiegħda tagħti biżżejjed ħin biex wieħed iħares taħt il-wiċċ ta' kitbiet varji. U huwa sewwasew fis-sotterran li wieħed isib dak li tabilħaqq jgħodd. Il-kotba li ħareġ u għadu joħroġ, u jekk il-bambin irid għad ikompli joħroġ fil-ġejjieni mhux 'il bogħod, huma sors ewlieni fil-qasam pedagoġiku. Huma għodda siewja għal kull għalliem, għal kull skola, għal kull min jgħix bil-ħsieb u fuq il-ħsieb. Għaldaqstant, filwaqt li nemmen li Dr Andrew Sciberras għandu jiġi rikonoxxut mill-istat għall-impenn uniku tiegħu f'dan il-qasam, fl-istess ħin nissuġġerixxi biex fl-oqsma akkademiċi varji jkun hemm impenn biex tibqa' tinxtered din it-tip ta' kultura.

Waħdu, jew flimkien ma' oħrajn, fost kotba oħra, Andrew Sciberras ħareġ dawn:

*Il-Vjaġġ Poetiku*, *El Duende*, *Studji Dwar il-Poeżija Moderna*, *Amor Fati*, *Titwila mit-Tieqa ta' Ruħhom*, *L-Aħħar Battuti (1998-2020)*, *Carmel Attard – Poeżiji – Studji – Intervisti*, *Awtoskatti*, *Fraġli*, *Mario Azzopardi – Le Poète*, *Bil-Kliem Żvinat Ġo Ħoġri – L-Esperjenza tal-Misteru fil-poeżija ta' Joe P. Galea*, *Achille Mizzi – Il-Werriet u s-Suċċċessur Denn ta' Dun Karm*, *Poeti Kontemporanji Mgħoddija mill-Għarbiel*, *Daniel Massa – Poeżiji u Studji*, *Ġenesi ta' Achille Mizzi* (Editur), *Solitudnijiet Imkenna fil-Poeżija ta' Oliver Friġġieri – Tarċisju Zarb* (Editur), *Il-Poeżija Maltija – It-Tieni Volum* (Editur), *Oliver Friggieri – L-Istudji Poetiċi (1989-2019).*

## MINN BEJRUT SA WIED IL-BEKAÀ

Qabel ma raqad reġgħet ġiet it-togħma
ta' tifel vjola jħares lejn il-baħar,
tal-magni jwerdnu biex ħuġbejh sewdiena,
u l-qoffa karawett u tamal merħi
li ma seħħlux ibigħ fit-triq tal-kosta.
Il-vini fuq għajnejh, bħal triqat qodma
segwew il-mappa ġdida li ħasdithom -
il-pjazez imkemmxin, funtani mgħaddma,
dulliegħ kulur id-demm, u d-demm iħaddar
minn par saqajn mormija f'landa żibel -

*Ma' sbiħ il-jum se jkollu jerġa' jibda*
*jbigħ il-ġrajjiet u l-karawett bil-kejl,*
*jimxi sal-ġonna tal-pepprin imsaħħar*
*u jixtri l-ħolm li tilef tul il-lejl.*

**NORBERT BUGEJA**
**(minn *Bliet*, Edizzjonijiet Emma Delezio, 2009)**

## ĦAJKU U SENRIJU

L-irġiel tat-tiben
ħallew l-għelieqi... f'posthom
boroż tal-plastik.

Kif bnew madwaru,
in-naffar dawwar ħarstu
dlonk lejn is-sema.

Pitirross tremble
inixxi l-aħħar qatra
f'għalqa peprin.

Pompa tal-petrol:
wara serbut karozzi
karozzin wieqaf.

**TERENCE PORTELLI**
**(minn *Stoppini u Suffarelli/Sparklers and Whistles*, KKM, 2008)**




## *KATARSI* – Ġabra ta' Poeżiji (1966-1992) ta' Alfred Palma

### Kitba ta' Andrew Sciberras

Wara dan il-ktieb tal-poeżiji li Alfred Palma għammed bl-isem ta' *Katarsi* hemm storja ferm interessanti. Palma kiteb dawn il-poeżiji bejn l-1966 u l-1992 u ssejvjahom fuq floppy disk – u ma kellux kopja tagħhom fuq il-kompjuter – imma fuq kollox kif jaf kulħadd, wara ċertu snin id-data titħassar, aħseb u ara minn fuq floppy disk li jkunu għaddew minn fuqha madwar 20 sena. Dorna kważi Malta kollha biex insibu lil xi ħadd li għad għandu kompjuter bil-floppy disk, imma bqajna b'xiber imnieħer. Ġie f'moħħi l-poeta bravu Għawdxi J. W. Psaila, ktibtlu emejl u għedtlu x'inhi l-problema. Min-naħa tiegħu qalli li għandu kompjuter bil-floopy disk, iżda ilu snin ma jużaha. Biex naqta' l-istorja fil-qasir fl-aħħar irnexxielna nittrasferixxu l-materjal fuq il-kompjuter, u b'hekk dan il-ktieb seta' jara d-dawl.

Fid-daħla tal-ktieb, Palma jgħidilna hekk: "Il-poeżiji li jidhru f'dan ix-xogħol ġdid ktibthom bejn l-1993 u l-2006. Bħal ta' qabilhom, huma frott ta' dak li ġarrabt matul dawn is-snin. Iżda għall-kuntrarju ta' *Preludji*, fejn kien hemm konċentrazzjoni akbar ta' dak li ġarrabt jien f'ħajti, f'din il-ġabra hemm ħarba minni nnifsi biex, din id-darba, nissiehem fit-tiġrib ta' ħaddieħor b'aktar intensità u, żgur, b'aktar maturità."

Xħin qrajt il-poeżiji kollha ktibt il-kelmtejn tal-qoxra ta' wara, li qed inġibha hawnhekk, għax ċert li tirrifletti dawn il-poeżiji li jinsabu f'idejna:

"F'dawn il-poeżiji jidher li Alfred Palma niżel mill-quċċata tal-muntanja mitika, kif għamel ukoll iż-Zarathustra ta' Nietzsche. Issa m'għadux l-eremit ta' darba, issa jinsab wiċċ imb wiċċ ma' realtà oħra, dik ta' ġewwa d-djar u tal-imsieraħ, tal-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment, tal-iskejjel u l-knejjes. B'kuxjenza mwaħħda ma' dik tal-kożmos – il-Wieħed fil-Kollox u l-Kollox fil-Wieħed – bħal seqer qed jgħarrex x'inhu jseħħ madwaru. Huwa jibqa' dejjem is-*sommo poeta*, dak li jitkellem b'fomm Alla fejn hemm xi forma ta' inġustizzja. Imma fl-aħħar jintebaħ li l-ebda lingwa mhi se taħji d-diq, it-turment, l-ansja, is-solitudni u l-angst eżistenzjali. U f'waqtiet mhux mistennija jidħaq ma' min jidħaq, jibki ma' min jibki, iterraq ma' min iterraq. U finalment jinduna li jinsab għeri, b'idejh battala, ħieles minn kull katina ta' jasar."

Nagħlaq billi ngħid li f'din il-ġabra wieħed se jsib żewġ tipi ta' poeżiji: dawk li huma miktubin għal xi okkażjoni – jiġifieri li l-poeta jkollu jdejh marbutin għax bilfors irid iżomm mas-suġġett mitlub lilu; u oħrajn fejn jitwasslu direttament għandna min-nixxiegħa tal-kuxjent. Il-qawwa ta' Palma bħala poeta żgur li tinsab fit-tieni tip ta' poeżiji.

Hawn qed nislet xi siltiet minn xi poeżiji tat-tieni tip. Imma la qed nitkellem dwar Palma ma nistax ma nsemmix dak li seħħ meta ġie Malta Benigni. Dan waqt is-serata staqsa jekk għandniex traduzzjoni bil-Malti tad-*Divina Commedia* ta' Dante. Imma dakinhar ħakmet id-dimenzja fost dawk preżenti. Mhux talli m'għandniex *Divina Commedia* kompleta, imma wkoll bit-terza rima u bl-endekasillabu (il-vers pereċċelenza). Palma finalment ġie onorat u mfaħħar qatigħ f'Ravenna fl-2008.

"Ħadd ma jibkik, għajr Malta, tħares kiebja
fuq it-tmiem tiegħek, taħseb mingħajr hieda
liema roqgħ'oħra se jiġrilha bħalek,
ħtija tal-ġenn li ħakem lil uliedha!"

(*Lill-Għalqa Meqruda*)

"Imbagħ'd erġa' mill-ġdid ħabbat fuq sidrek,
agħsar għajnejk sa toħroġ l-aħħar demgħa,
berraħ xufftejk,
u għajjat f'wiċċ is-sema
(forsi tinstema')
'Imm' għaliex?!'"

(*Imm' Għaliex?)*

"I try in vain
to stop the curtain falling
on centre stage,
where you,
an old and sickly actress,
lie helpless on your bed,
to act the final scene
of your long life!
With shrivelled hands
you cling to life,
and try to smile,
though racked with pain;
as I stand by, and try again
to stop the curtain falling
on centre stage,
while cruel Death looks on,
deriding all my hopes, my fears,
uncaring of my tears...
I stoop to kiss your cheek,
whilst with cold hands,
you try one once more
to draw me close to you,
to murmur one last word
that breaks the spell
before you go:
a bitter-sweet farewell!"

(*To my Dying Mother*)

"Tibżax, aħna nafuk: il-versi tiegħek
lil hinn minn xtutna kisbu kull foħrija,
seddqulek ismek u saħħulek driegħek.

Tibżax, aħna nafuk: nafu xi ssarraf;

mibni vers vers u msaħħaħ bit-tbatija,
il-mafkar tiegħek ħadd li ħadd ma jġarraf!"

(*Lil Monsinjur Amante Buontempo*)

**Minn irid kopja tal-ktieb jista' jikkuntattja lil Alfred Palma fuq l-emejl: palmalf@onvol.net**

## TA' QALI

tridx nibnu għarix għal tnejn f'ta' qali
sewwasew biswit fejn jonfħu l-ħġieġ

tridx nitgħaxxqu noqogħdu bl-ilwien tal-murtali
u nkesksu n-nemes għall-fniek u t-tiġieġ

tridx nagħmlu penitenza penitenza għal tliet darbiet
biex ruħna fis tissaffa mill-ħtija u mid-dnubiet

tridx immorru passiġġata
u nixtrilek luminata

imbagħad tridx it-tnejn flimkien
insiru par firien

bil-mustaċċi mibrumin
u bi dnubna mislutin

u ma' raxx id-dlam tal-lejl u kisnijiet
mal-ewwel feġġ tal-kwiekeb fis-smewwiet
nerġgħu lura lejn l-għarix f'ta' qali
u qabel norqdu l-lejl ninfatru fatra qarabagħli

**ALBERT MARSHALL**
**(minn *Poeżiji 1964-2019*, Horizons, 2019)**

## M'GĦAD BAQA'

M'għad baqa' l-ebda żiffa
iġġorr il-fwieħa tiegħek
ebda mewġa melliesa
ma' ġismi ma titmiegħek.

M'għad baqa' l-ebda sħaba
iġġorr dellek wennies
m'għadx għandi l-kuxjenza
biex lili tagħti l-qies.

**JOE W. PSAILA**
**(minn *Fil-Aħħ u l-Baħħ*, 2013)**

**MAL-MEWĠ TAL-BAĦAR FOND**

Illejla tul ix-xtajta
imxejna bla xejn kliem,
skantajna lejn il-baħar
imqanqal, mingħajr sliem.

Illejla bħal tħajjarna
li nċafċfu fl-ilmijiet,
intiemgħu r-raxx u r-ragħwa,
l-imluħa tal-ġrajjiet.

Illejla nżilna ngħumu,
ħassejna kiesħa l-mewġa,
xammejna l-arja mielħa
maż-żiffa ta' kull fewġa.

Xewqitna kienet waħda:
li mmissu l-orizzont,
'ma sibna l-ftuħ u ntlifna
mal-mewġ tal-baħar fond.

**CHARLES BEZZINA**

**THE CUP AND THE TEA-POT LID**

How can I inhabit the realms of your consciousness
and drink the nectars sweet of your deliciousness?
How shall I break Death's unkind spell
and ooze the melody of poems ineffable?

For Mirth did crown our autumn day,
when marble white shone its radiance gay.
And to gentle sounds of pouring tea,
we swung, singing all our utterances of glee,
that glided in the atmosphere as Music swam,
eternally, aloft, above our hallowed diadem.
And flowers and dining-room saucers danced,
to the cadence of our novel romance.
And fantastical beings beheld,
the wreaths garlanding our brow in gold,
with jest and glitter they ardently drew,
the pretty nuances of our love so new.
And with glory flashed and lust unabashed,
we kissed the scarlet flames of Passion's dew.
Till suddenly, I gazed upon your brilliance
and from the mysterious woven magic of noon,
I sucked the wonder of your marvellous tune,
amid an infinite ether of magnificence.
And I saw the cup and the tea-pot lid,
swirling endlessly in Immortality's pit
and hung on the air, I glimpsed an auburn stream of tea,
yearning for Time's stupendous eternity.
And in that instant, I fused with our fire's sheen,
when your tantalizing lips savoured Pleasure's tender gleam.
And hair and eyes, all seemed to summon Paradise
as we swayed to rhythms of an everlasting dream
and every glint enhanced the splendour of your tint
and the ivory majesty of your heavenly ornament,
that crowned our happy autumn day,
when marble white shone its radiance gay.

**MELANIE CAMILLERI**

**IL-BIŻA' ĦALLIEH GĦALL-WIŻGĦA**

Il-biża' ħallieh għall-wiżgħa.
Ħalliha tiżgiċċa u tiżżagħbel fix-xquq
ħalliha tingħażel minn denbha w qoxritha,
titwerwer u taħrab minn kull din ta' ħluq.

Inxteħtu fil-għama għal isfel qatigħ
bħal friefet il-lejl tridu twarrbu l-istar.
Fid-dalma - fil-beraħ bla biża'
intasbu kotrana ma' saqaf il-għar.

Ħallihom il-ħlejjaq f'kull għamla
ħa jibżgħu mid-dehertkom sewdiena
iftiehmu f'żgħożitkom fil-għaqda
ħa' ssibu s-saħħa qalbiena.

Il-biża' ħalluh għall-wiżgħa
ħalluha tiżgiċċa w tiżżagħbel fix-xquq
ħalluha tingħażel minn denbha w qoxritha
titwerwer u taħrab minn kull din ta' ħluq.

Li tibża' biżżejjed ġa żball
wisq iktar jekk tibża' tiżbalja
l-iżbula tal-beżżiegħ qatt tisbel,
tiżżagħber għax tibża' tixxerred.

Il-biża' waħedha - hi mara
fil-kotra - hi raġel il-biża'.
F'kull wiżna w kull kejl il-wiżgħa tiżżewweġ
f'lewn dwarha tiżżewwaq imqar bħal bużbieża
Iżda int le żagħżugħ jew żagħżugħa
ilbes lewn wieħed bla biża'
w ma' fehmtek sħiħa iżżewweġ

w il-biża’ ħallih għall-wiżgħa.

Inxteħtu fil-għama għal isfel qatigħ
w intrefgħu b’ħilitkom bħal friefet il-lejl
li jbeżżgħu mhux jibżgħu bħall-wiżgħa
moħbija w imwerwra ġo toqba bla kejl.

**NARCY CALAMATTA**

**KONT TAJTNI BEWSA**

Kont tajtni bewsa, ma,
u ridt inżommha.

Għaddejt subgħajja minn fuq ġbini
bil-mod u bl-akbar ħlewwa.

Ħallejt subgħajja jmissu ’l sidri
biex bewstek tidħol ġewwa.

Forsi dil-bewsa llum
għadha magħluqa fija.

Forsi dil-bewsa llum
mietet kif mietu l-bqija.

**ĠORĠ BORG**
**(minn *Ċrieki fl-Għadira*, 2013)**

**PAĊI**

“Agħtu l-paċi lil xulxin.”
… u dar joffrili idu
tfajjel ħelu t’erba’ snin.

Hekk kif b’subgħajja qbadt
subgħajh ċkejkuna
ħassejt mewġa ta’ sliem qed tinvadini
minn idu ratba w sħuna.

Terraqt mat-tfajjel trejqet l-innoċenza
ftit passi għal ftit ħin
u bqajt sal-lum nittama li għad jerġa’
jeħodli b’id t-tfajjel t’erba’ snin.

**CARMEL G.CAUCHI**

**IL-ĠONNA**

Kemm huma sbieħ il-ġonna,
miżgħuda b’siġar ta’ kull qies;
b’ħamrija ħamra miż-żrar ħafja,
li tapit tidher donnha;
b’disinn fiha maħrut min-nies,
biex titnaddaf, u mill-mard safja.

F’roqgħat xitel imħawla,
ilewwnu bil-fjuri tagħhom;
b’taħlit ta’ kuluri madwarhom,
u b’dawl tax-xemx imdawla,
meta bl-abjad tiddi magħhom,
fuq weraq li fetħu bi ħġarhom.

B’vaski bl-ilma jittajjar,
b’ħsejjes tagħhom jagħti mistrieħ,
bil-papri jew ħut jgħumu fihom,
jitla’ fil-wiċċ jitħajjar,
biex iduq iż-żiffa tar-riħ;
ħalli sħana ma tagħmilx bihom.

Tarahom bil-monumenti,
ta’ kull kobor u tifkiriet;
f’dawk l-iStatwi kemm skulturati,
jew irħam bħal dokument,
ta’ disinn ta’ ħafna suriet,
mitluqa jew wisq ikkurati.

Huma lok, minn palazzi,
u b’wesgħat fejn jilagħbu tfal;
b’ mużewijiet biex tidħol tara;
b’kenn għall-maltemp u bnazzi;
b’xi tjur fil-gaġeġ kbar u twal,
biex min iżur, idur u jara.

Hekk sbieħ il-ġonna mgħammrin,
b’dak li żejjen ukoll tħaddar,
b’dawk il-imfakar li għandhom storja;
b’xi bank jew ċint, b’żmien mgħakkrin;
bla ma hemm xejn x’tista’ tmaqdar,
għax ta’ ġo fih magħmul bi glorja.

**JOSEPH BONNICI**

**JIEN MIN JIEN?**

Jien min jien biex ngħid li iva,
meta int tixtieq tgħid le?
Jien min jien biex ngħid żgur veru,
met'int ma taħsibx l-istess?

Għaliex lest nipponta sebgħi
meta naf li m'iniex ċert,
meta naf li qalb ħaddieħor
taf titkisser b'dan il-għelt?

Għaliex dejjem moħħni f'sieħbi
li mex'aktar 'il quddiem,
meta jiena bqajt nitnikker
fit-tajjar tal-ħsieb qadim?

Lest li nibda nħalli lilek
tgħid u taħseb dak li trid?
Lest li nkun kuntent b'li għandi
mingħajr ma nkun ħsiebi fik?

Jew aħjar nistaqsi 'l Kristu
dwar li tani u ma tanix,
forsi fl-aħħar ngħix fil-paċi
u naċċetta l-jien min jien?

**MICHAEL CINI**

**IL-FENEK U L-FEKRUNA**

Mhux tassew
li l-fekruna tiġi l-ewwel
jekk ittellaq mal-fenek.

Bil-pass imkarkar
tal-Verità kiebja
tkaxkar riġlejha
l-fekruna ħosbiena.

Bil-pass ħarkien
tal-Gideb storbjuż
ilebbet bħal riħ
il-fenek imżattat.

Għarfa w umli
bħall-Verità
l-fekruna.
Ma tintrigax bi tlielaq
ma' fniek imżarġnin.

Kollox bil-mod il-fekruna.
Dejjem l-aħħar.
Tasal meta jkun tard wisq
bħall-Verità.

Ma jitqalux bin-ngħas
għajnejn il-fenek.
Arah bla mistrieħ,
arah jiffanfra,
l-istess bħall-Gideb.
u jirbaħ dejjem
rebħiet finta.

**CARMEL SCICLUNA**
**(minn *L-Ambjent li Qeridna*, Horizons, 2020)**

**AĦNA NJAM TAL-BASTIMENTI**

Aħna njam tal-bastimenti
nawfragati f'mewġ bla sabar...
Aħna njam li jgħum f'wiċċ l-ilma,
jasal l-art, imbagħad jinġabar.

Aħna bżieżaq li jinfaqgħu
ragħwa bajda tal-kurrenti;
it-tkasbir li jgħum f'wiċċ l-ilma
jasal s'hawn mal-bastimenti.

Aħna żmien, ilkoll nixjieħu,
bajtar mimli li ser jaqa'.
Aħna żmien, mument li jgħaddi,
minn dak kollu min jaf x'baqa'.

Isem sieket fuq il-mafkar
għal min jersaq biex jittawwal.
L-ebda leħen ma jfissirlu.
Ebda leħħa biex iddawwal.

**ALFRED GRECH**
**(minn *Imwejġiet*, 2020)**

**ID-DAR IMWAQQGĦA**

Ma ngħidx jien bħall-boloh li f'kennek kull lejla
joħorġu l-eħieres, joħorġu l-erwieħ,
iduru mal-kmamar imwaqqgħa, mudlama,
jitolbu l-għajnuna, jitolbu l-mistrieħ;

'Mma ngħid illi f'kennek, f'ħitanek immellħa,
f'qigħanek maqlugħa, miksija ħażiż,
hemm għanja ta' qalb li titbekka miġugħa
għat-telfa ta' kollox li kellha għażiż;

Sew sew kif ġo qalbi hemm għanja w ilfiqa
ta' dar illi waqgħet u saret tiġrif,
u tilfet il-għożża ta' dak li kien fiha,
u saret borġ ħerba mingħajr ma taf kif.

**ANTON BUTTIGIEG**
**(minn *Anton Buttigieg. Poeżiji Miġbura. L-Ewwel Volum*, KKM, 1978)**

**ERĠA' SETTEMBRU!**

Erġa', Settembru, ressaq fuq dil-gżira
is-sebħ qaddis li tul is-snin jerfagħna
biex ninsġu l-għanja tal-ħelsien, b'tifkira
taż-żewġ rebħiet li tajt 'il Malta tagħna.

Qajjimna biex tfakkarna l-ġieħ: għajjiena,
fil-mixja tal-progress, tlifna l-istorja.
Ħeġġiġna biex insellmu lill-qalbiena
li darba kitbu b'demmhom dil-vittorja.

Onfoħ ġo ruħna llum in-nifs li dewwa
lill-midrubin ta' fuq is-swar ġellieda,
urina kif intrifes ġieħ l-għedewwa
li sabu fil-Maltin l-għaqda u r-rieda.

Żewġ rebħiet kbar, ibq'għidhom lil kulħadd:
żewġ kliel tar-rand li ma jitbielu qatt!

**CHARLES COLEIRO**
**(minn *Il-Poeżija Maltija*, miġbura minn Oliver Friggieri, MUP, 1996)**

**WIRT ARTI**

Il-blat ġganti ta' Ħaġar Qim,
ta' Ħal Tarxien u tal-Ġgantija
huma għalija
is-swat li jħarsu wirt arti.

Iċ-ċrieki ta' snin l-imgħoddija
moħbija f'ġuf zokk iż-żebbuġa
jaħżnu l-imgħawwed,
u l-frieghi bil-weraq ħadrana
li jpaxxu 'l għajnejja
juruni l-preżent.

Il-ħarruba, tiżjin il-blat għeri
u l-ħajt tas-sejjieħ mħatteb bl-irwiefen,
huma għalija
wirt arti Maltija
li tħeġġeġ ġo qalbi
tagħha t-tgawdija.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
**(minn *Weraq Sfajjar fix-Xagħri*, 2009)**

**IT-TIENI MEWĠA**

X'inhu dak li qed jiġġerra barra t-triq,
ma jehdix ibeżża', igerrex u jwaħħax,
li daħal fl-imħuħ tan-nies
imliehom bis-suspett
żera' fihom il-biża'
għamilhom xettiċi
u wassalhom biex
jingħalqu u jinfatmu mill-bqija?

Ix-xhur ilu jħuf minn triq għal triq!
Kulħadd jaf bih
u ħadd ma jista' għalih!
Sax-xjenza donnha għejiet tmaħħaħ dwaru.
Id-dinja globali, mimlija bil-għerf,
tinsab timpala l-biljuni u bl-istudji ma jehdux.
Kemm drabi r-riżultati ħareġ li nstabu
imma n-nifs qawwi ma jtulx.

F'tellieqa jinsabu bejniethom
il-bniedem u n-natura –
il-wieħed għaref, xjenzat
iħabrek iħaffef ħa jasal dalwaqt
u l-oħra kajmana bil-ġirja tagħha pass pass.

**MARIO ATTARD**

**ĠEW GĦALINA**

Ġew għalina bil-maxetti
ma felħux għall-evidenza
kellhom moħħhom ġa deċiż
bla raġuni m'hemmx kurduni
basta temmen fil-profitt
marru u taru dal-valuri
fit-tiftix u l-mistoqsija,
basta tieħu dak li trid
ħalli tpaxxi lill-qawwija.
Tgħid infittxu xi triq oħra
jew inlestu ruħna għall-oqbra?
Forsi Marx ittrasformat
se jidhrilna b'xi salib?

**JOHN P. PORTELLI**
**(minn *Taħt iċ-Ċirasa/Under the Cherry Tree*, PEG, 2008)**

**POET'S WORK**

I am in a jungle of nerves.
You told me that stress
comes from excessive work,
comes from sleeping all morning
and from getting up in the middle
of the afternoon refreshed
        and triumphant
to live by the word
which stops in other lips.

But, the Poet's work
however is a hole with no exit,
is also like a tango
well sung or badly sung
that suffers in the spacial circles.

My sorrow doesn't come from
working. It is the opposite:
my work comes from suffering,
from the word of stone
which makes the horror
        to explode
while I wait for life to start again.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**EXPRESSION**

An impulse
seeking manifestation
separates from
the whispering notes
that beguile the mind
perpetually.

In its own flow
the molten instinct,
shapes into a question
or an erudite statement,
and when mingled;
perhaps forms a riddle

Inducing the critic
to be the learner
and trace transient images
concealed within
the realms of
a blossoming poesy.

**RAJENDER KRISHAN**
***L-Indja***
**(minn https://www.boloji.com/poem/26772/expression)**

**AFRICA**

Ho nel mio cuore l'urlo
che indelebile scava
la ferita del ricordo
Stretta la gola
tra mantici ferrei
sacchi di corpi percossi
grani di polvere
a medicare ferite
noi sordi, ciechi

Aria malsana
a mendicare amore

Stretto al petto
il figlio della paura
lo strazio della violenza
negli occhi tuoi bambini
sorriderà domani tenerezza

**IRENE VALLONE**
***L-Italja***
**(minn *Seno amaro*, miġbura minn Giuseppe Napolitano u Ida Di Ianni, Volturnia Edizioni, 2019)**

**ALBERO AUTUNNALE**

    Già matura
la foglia pel sereno suo distacco

    discende
nel cielo sempre verde dello stagno.

    In calma
languore della fine, l'autunno s'immedesima.

    Dolcissima
la foglia s'abbandona al puro gelo.

    Sott'acqua
con incessanti foglie va l'albero al suo dio.

**EUGENIO MONTALE**
**L-Italja**
**(minn *Montale. Tutte le poesie*, Arnoldo Mondadori, 1990)**




***IL-PRINĊEP TAL-BIRGU*, ta' Karmenu Mallia, BDL, 2020.**

Dan il-ktieb ta' 255 paġna nistgħu nsejħulu r-rumanz tas-Sette Giugno 1919 flimkien mat-tifkira tal-Ispirtu ta' Manwel Dimech li jinħass għaddej il-ħin kollu hekk li jispiċċa bit-twaqqif tal-'Għaqda Dimekkjana'. Ir-rumanz ma jitkellimx biss mill-Birgu imma minn Ħal Qormi wkoll, għax billi l-'Prinċep' kien jismu Jorge, ta' razza Griega, kien hekk imsemmi għal San Ġorġ. Kien ukoll f'Ħal Qormi li żewweġ lit-tfajla tiegħu, Ġirbija wkoll, bint wieħed mill-mexxejja Ingliżi li kellhom x'jaqsmu mal-ġlied bejn l-Ingliżi u l-Maltin li kienu magħsurin bil-ġuħ u bin-nuqqas ta' tmexxija tajba. Imma biċċa sewwa mir-rumanz tinħadem il-Birgu. Jorge kien se jkollu xi jgħid mal-Knisja minħabba li kien juri biċ-ċar li kien Dimekkjan. Dak iż-żmien Dimech kien f'ħabs Lixandra fl-aħħar jiem ta' ħajtu. Insiru nafu li Jorge kien 'Prinċep'. Il-Kanonku Federik, Malti Awstraljan, kien mhedded ukoll billi kien kontra dawk li ħaġġru 'l Dimech. B'hekk ingħaqad ma' dawk il-Qriema li ma kellhom x'jaqsmu xejn mat-tħaġġir. Il-kumplament tal-karattri jkomplu jħawru l-intriċċi tar-rakkont li jispiċċa bl-*Apotéosi* tal-belt Vittoriosa.




***40 PAĠNA MID-DJARJU TA' SANDRA*, ta' Kris Dimech, Horizons, 2020.**

Dan hu rumanz li jifrex fuq iktar minn 200 paġna. Hemm 40 kapitlu, u kull wieħed jingħata data partikolari bħala titlu. Huma dati li jifirxu bejn is-17 ta' Mejju u l-25 ta' Ġunju. Dan id-djarju huwa l-ikbar ħabib ta' Sandra. Miegħu tiftaħ qalbha u tgħidlu dak kollu li jkun għaddej minn moħħha u minn ħajjitha. L-intriċċi jibdew meta xi ħadd jispara tliet tiri fuq l-għarus tagħha, Mikas, li jmut ftit ġranet wara. Dak li naqraw dwarhom huma erbgħin jum ta' tensjoni mentali li għaddiet minnhom Sandra miktubin fid-djarju skont kif rat l-affarijiet hi. Imma fl-istess ħin, il-Kummissarju tal-Pulizija jagħmel minn kollox biex isolvi l-każ ta' Mikas u każijiet oħra marbutin miegħu. Il-kapitli mhumiex twal u dan jikkontribwixxi biex ir-rumanz jinqara jgħaġġel. Hemm il-partijiet tad-djarju miktubin fil-korsiv u oħrajn miktubin mhux fil-korsiv u dan jindika li dan ix-xogħol narrattiv hu stilistikament varjat: hemm il-partijiet djarjistiċi, dawk fejn jitħaddem id-diskors dirett u partijiet oħrajn fejn kollox hu rrakkontat mill-prespettiva ta' narratur omnixxenti li jaf x'inhu għaddej kemm barra kif ukoll ġewwa, inkluż ħsus il-personaġġi li huma parti mill-istorja sħiħa.




### *IL-MOSTA U L-MOSTIN BIR-RITRATTI. GĦADD 3*, ta' Stanley Mangion, 2020.

Hemm kotba li jgħidu storja magħmula minn kapitli differenti bla ma jieħdu l-forma ta' rumanz jew ġabra ta' novelli. Dan it-tielet volum ta' *Il-Mosta u l-Mostin bir-Ritratti* huwa wieħed minn dawn: fih jiġbor mal-200 ritratt dwar il-Mosta u l-Mostin. Insibu nklużi ritratti ta' xogħlijiet ta' arti li hemm fil-Mosta, ritratti ta' niċeċ, ta' vestwarju tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' nies magħrufa. Taħt kull ritratt hemm notamenti - miktubin kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż - li jfissru fil-qosor kull ritratt. L-awtur uża l-ilsien Ingliż ukoll bil-għan li jintlaħqu qarrejja anki Maltin li jgħixu barra minn Malta u xi turisti. Kull ritratt għandu l-istorja partikolari tiegħu u wieħed jista' jgħaddi minuti twal jifli b'attenzjoni d-dettalji ta' xi wħud minnhom. Kollha flimkien ikomplu jirrakkontaw l-istorja ta' raħal li llum kiber f'belt, il-Mosta. Hija storja li ftit jafu biha u li Stanley Mangion qed ikompli jberraħ għad-dawl. Il-ktieb jiswa 10 ewro u jista' jinxtara mingħand ħwienet ewlenin jew inkella direttament mill-awtur billi tintbagħat email fl-indirizz stanleymangion@gmail.com.




### *SISTER CLARA. IL-MARA MIDINBA*, ta' Salv Sammut, Horizons 2020.

Dan huwa t-tmien rumanz ta' Salv Sammut, apparti li hu wkoll awtur ta' ġabra ta' novelli u erba' ġabriet ta' poeżija. *Sister Clara* jifrex fuq 350 paġna u jinqasam f'43 kapitlu, bi Preludju u Epilogu. Huwa rumanz li fih jinkixfu d-dgħjufija u l-kobor tal-ħlejqiet umani fit-tajjeb u fil-ħażin, fil-waqgħat u fil-qawmien tagħhom. Ħadd ma jista' jifhem kif abbuż fit-tfulija jista' jbiddel ħlejqa f'żewġ personalitajiet differenti: fuq naħa, mara midinba li tħobb sesswalment b'għira li twassal għal att kodard, u fuq l-oħra, soru altruwista li tikkastiga lil ġisimha b'mod aħrax biex titnaddaf mill-ħtijiet tagħha u twettaq l-akbar att altruwista. Hawn Sammut jagħtina ġrajja romantika u traġika fl-istess ħin: naqraw dwar imħabba ġenwina, emozzjoni mqanqla, għira għamja, ħbiberija sinċiera u tama ġdida. Bħal dejjem, dak ta' Salv Sammut huwa stil ta' kitba mexxej li jimbuttak tibqa' taqra minn paġna għal oħra, minn kapitlu għal ta' warajh, sakemm tasal għat-tmiem bla ebda tbatija, minkejja li jidħol sewwa fil-ħsus ġewwiena tal-protagonisti.







### *IMWEJĠIET*, ta' Alfred Grech, 2020.

Din hija r-raba' ġabra ta' poeżiji ta' Alfred Grech, wara *Mix-Xefaq u Lil Hinn* (2012), *Petali f'Wiċċ l-Ilma* (2014) u *Erbatax-il Vers* (2016). Din id-darba Grech jiġbor flimkien mal-150 poeżija li jippreżentahom alfabetikament skont l-ewwel ittra tal-ewwel vers li jagħti wkoll l-isem ta' kull poeżija. L-għażla ta' Grech hija l-prosodija u l-metrika tradizzjonali, bil-kwartini, ir-rima mqabbża, l-endekasillabu, u s-settenarju bħala l-favuriti tiegħu. Il-versi huma mexxejja, il-kliem sempliċi u l-ixbihat mill-isbaħ, u dawn huma kollha xhieda ta' poeta li jaf iħaddem sewwa kemm il-kelma Maltija kif ukoll il-mekkaniżmi li titlob poeżija mirquma, korretta, mhix nieqsa minn profondità ta' ħsieb u mużikalità mill-isbaħ. Grech ifakkarna li l-poeta huwa l-ħalliem, bniedem solitarju u sensittiv għall-aħħar li jaf xi tfisser il-ġerħa, l-aktar dik emozzjonali u psikoloġika, imma li jsib l-iżvog u s-serħan tiegħu fil-kitba ta' versi riflessivi, li għandhom mit-talba, mill-eleġija, mit-tifkira, mis-skiet li jesprimi l-magma tbaqbaq f'ruħ il-poeta, versi li jesprimu mħabba, xewqat, stagħġib, u l-bqija.

### *IX-XWEJJAĦ TAL-ĠUGARELLI U STEJJER OĦRA*, ta' Patrick Sammut, Horizons, 2020.

Din hija l-ħames ġabra ta' stejjer għat-tfal ta' Sammut. Hawn insibu 17-il storja ġdida li fl-imgħoddi l-awtur irrakkonta lil uliedu tard filgħaxija, u li wara għaddiehom minn proċess ta' tirqim li għamilhom tajbin biex jinqraw kemm miż-żgħar kif ukoll minn min ħalla warajh l-età tal-ħolm u tal-innoċenza. Huma stejjer fejn għandna kemm bnedmin kif ukoll bhejjem differenti bħala protagonisti jew personaġġi. Huma stejjer li għandhom kemm mir-realtà ta' kuljum, kif ukoll mill-ħolma, mill-ħrafa, mir-realiżmu maġiku, u mill-cartoons li spiss rajna fuq it-televiżjoni. Sammut juża lingwa u stil mexxejja, flimkien ma' Malti idjomatiku, biex b'hekk l-esperjenza tinbidel f'waħda li tagħti pjaċir u tgħaddi wkoll messaġġ pożittiv. L-ispazji fejn isseħħ l-azzjoni tal-istejjer huma familjari, u oħrajn li jmorru lil hinn mir-realtà li mdorrijin inġarrbu kuljum. Dawn huma stejjer li joffru waqtiet ta' mistrieħ u ta' riflessjoni lill-qarrejja minn għaxar snin 'il fuq.




### *FIR-RUTINA TAL-KWARANTINA*, ta' Alfred Massa, BDL, 2020.

F'dan ir-rumanz ġdid li jtul mal-150 paġna, Alfred Massa jintrabat ma' avvenimenti tal-preżent: jirrakkonta kif il-Corona-19 laqatna kemm bħala poplu Malti imma anki kif laqat lil numru ta' personaġġi fittizji li b'xi mod jew ieħor jistgħu jkunu jien u inti stess. L-istil huwa wieħed mexxej ladarba l-ġrajja tinqasam fi 17-il kapitlu u kull kapitlu jerġa' jinqasam f'partijiet iċken. Fost it-temi li jittratta Massa nsibu l-familja, l-imħabba, il-ħbiberija, id-destin, il-ħajja bit-tlajja' u l-inżul tagħha, inklużi s-sabiħ taż-żgħożija, ir-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-adultezza u l-uġigħat tax-xjuħija, inklużi l-mard u l-mewt, bit-twemmin Nisrani bħala ankra li wieħed jista' jaqbad magħha u jissabbar. Il-vuċi narranti mhix parti mill-ġrajja u allura, apparti l-partijiet djalogati marbutin mal-personaġġi fittizzji, insibu wkoll bosta riflessjonijiet min-naħa tan-narratur. Dan hu fuq kollox xogħol fittizzju, imma hu wkoll dokument li jfakkar bosta dettalji li għexna f'dan il-perijodu ta' ħajjitna: kif laqat il-virus taqsimiet differenti tas-soċjetà Maltija; l-importanza tat-tobba u l-infermiera fil-ġlieda tagħhom kontra l-Corona-19. Hu wkoll rumanz li donnu jieqaf fin-nofs u jħalli għadd ta' mistoqsijiet mhux imwieġba.




### *IMKIEN GĦALL-KENN*, ta' John P. Portelli, Horizons, 2020.

Din hija l-ħames ġabra ta' poeżiji ta' dan il-kittieb Malt-Kanadiż, fosthom *Bejn Żewġ Dinjiet/In Between* (2003) u *Taħt iċ-Ċirasa/Under the Cherry Tree* (2008). *Imkien għall-Kenn* tiġbor fiha wieħed u ħamsin poeżija miktuba fi ħdax-il pajjiż differenti f'dawn l-aħħar ħames snin. Il-ktieb jinkludi daħla analitika ta' Simone Galea, u kummenti minn John Baldacchino, Immanuel Mifsud, Norbert Bugeja, u Adrian Grima. Skont Norbert Bugeja, "din hi poeżija li tiskoprina u tifitħilna l-imkejjen siekta fina nfusna aħna u nqallbu fix-xbihat, fil-pjazez, fil-gżejjer u l-ħsejjes tal-qalb." Fi kliem John Baldacchino mbagħad, "fil-poeżija ta' Portelli, id-dnub isir virtù ... f'din il-ġabra m'hemmx konsolazzjoni ħlief dik tal-vjaġġ."

Barra poeżiji, John P. Portelli ppubblika wkoll żewġ ġabriet ta' novelli (*Inkontri ta' Kuljum. Skizzi* (2018) ippubblikat ukoll bl-Ingliż, *Everyday Encounters,* u *L-Ittri ta' Osama u Stejjer Oħra*, 2019) u rumanz (*Kulħadd Barra Fajża*, 2018). Issa li rtira minn professur fl-Università ta' Toronto wara karriera ta' 38 sena, Portelli jgħix bejn il-Kanada u Malta u bnadi oħra.